CONFERENTIA
EPISCOPALIS
MELITENSIS

# LEĠIŻLAZZJONI LI TIRREGOLA L-PROKREAZZJONI UMANA ASSISTITA

## DOKUMENT TA' POŻIZZJONI

NOVEMBRU 2015

www.thechurchinmalta.org

# Kontenut

**Sommarju Eżekuttiv** .......... 3

1. Introduzzjoni .......... 3
2. L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni .......... 3
3. Kunsiderazzjonijiet Legali .......... 3
4. Kunsiderazzjonijiet Mediċi .......... 4
5. Materji ta' Tħassib .......... 5
6. Aspetti Etiċi .......... 6
7. Riflessjonijiet Konklużivi .......... 7
8. Rakkomandazzjonijiet .......... 8

**Dokument ta' Pożizzjoni** .......... 9

1. Introduzzjoni .......... 9
2. L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni .......... 11
3. Kunsiderazzjonijiet Legali .......... 13
4. Kunsiderazzjonijiet Mediċi .......... 18
    - 4.1. Il-Vitrifikazzjoni tal-Ooċiti .......... 18
    - 4.2. Djanjosi Ġenetika qabel l-Impjantazzjoni (PGD) .......... 22
    - 4.3. Ir-Rata ta' Trabi *Take-Home* .......... 24
    - 4.4. Riskji għas-Saħħa marbuta mad-Donazzjoni tal-Gameti .......... 25
5. Materji ta' Tħassib .......... 25
    - 5.1. L-Embrijun Uman bħala Prodott Kummerċjali .......... 26
    - 5.2. Il-Bidliet fil-Mudelli ta' Fertilità u tat-Twelid tat-Tfal .......... 26
    - 5.3. Li jkollok Tifel ikun xi jkun il-Prezz .......... 27
    - 5.4. Il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ġisem tal-Mara .......... 27

6. Aspetti Etiċi ........ 28
6.1. Il-Protezzjoni tal-Iżjed Vulnerabbli ........ 28
6.2. L-Istatus Morali tal-Embriju Uman ........ 28
6.3. Id-Donazzjoni ta' Gameti ........ 29
6.4. Il-Benesseri tat-Tarbija li ħa Titwieled ........ 30
6.5. Ix-Xewqa għal Tarbija "Perfetta" ........ 31
6.6. Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà ........ 32
7. Riflessjonijiet Konklużivi ........ 32
8. Rakkomandazzjonijiet ........ 33

# Sommarju Eżekuttiv

## 1. Introduzzjoni

1.1. Dan id-dokument ta' pożizzjoni, li tħejja fuq talba tal-Knisja f'Malta minn grupp li jinkludi esperti fil-qasam tal-mediċina, il-liġi, il-psikoloġija, il-politika soċjali, l-istudji tal-familja, l-istudji tad-diżabbiltà, il-filosofija u t-teoloġija, għandu l-għan li jwieġeb għall-emendi li l-Gvern jidher li qed jippjana biex jintroduċi fl-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni,* 2012.

1.2. Il-Knisja tixtieq tieħu sehem fi spirtu ta' djalogu, u ssejjes il-kontribut tagħha fuq il-valuri li tħaddan, li huma l-valuri ta' għadd kbir ta' ċittadini Maltin, u fuq l-esperjenza twila tagħha li matulha semgħet u kienet ta' sapport għal persuni f'diffikultajiet, inklużi dawk relatati mal-fertilità.

## 2. L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni

2.1. Hu ċar li l-għan tal-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* hu l-ħarsien tal-embrijun uman u l-interessi leġittimi tat-tarbija li ħa titwieled. L-interess etiku ċentrali tiegħu hu d-dinjità umana kif definita u prevalenti fil-Liġi Maltija (u Ewropea).

2.2. Il-lista ta' proċeduri illegali fil-liġi ta' bħalissa wkoll tikkonferma l-attenzjoni ċentrali tagħha u l-għan li tipproteġi l-embrijun uman.

2.3. L-eċċezzjoni permessa mil-liġi fil-każ tal-iffriżar tal-embrijun mhix maħsuba biex issir ir-regola imma biex tipprovdi għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn wieħed jista' jirrikorri għal miżura li ġeneralment mhix aċċettata imma hija permessibbli, taħt ċerti ċirkustanzi, biex tippreserva l-ħajja tal-embrijun uman.

## 3. Kunsiderazzjonijiet Legali

3.1. Kif stqarru sorsi tal-Gvern, waħda mir-raġunijiet għall-emendar tal-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* hu biex iġġibu f'linja ma' liġislazzjoni riċenti Maltija u ma' ċerti sentenzi li ngħataw dan l-aħħar fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

3.2. Kemm il-*Kostituzzjoni ta' Malta* u kemm il-*Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem* jiggarantixxu protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Madanakollu, l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* ma jistax jitqies diskriminatorju meta jeskludi koppji tal-istess sess milli jirrikorru għall-prokreazzjoni medikament assistita. Il-prokreazzjoni medikament assistita favur koppja eterosesswali, fejn il-gameti jiġu provduti mill-koppja nfisha, u l-prokreazzjoni medikament assistita favur koppja omosesswali jew koppja eterosesswali, fejn ikun hemm id-donazzjoni tal-gameti jew il-maternità surrogata, la huma simili u lanqas jistgħu jitqabblu, u l-ebda diskriminazzjoni ma tista' teżisti meta wieħed mhux iqabbel ma' xulxin żewġ ħwejjeġ tal-istess livell.

3.3. Is-sentenzi riċenti tal-Qorti Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem mhuma relevanti xejn. Ġie magħżul numru ta' każijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' emenda tal-liġi ta' bħalissa li tirregola l-prokreazzjoni umana assistita. Iżda, il-bażi espliċita ta' dawn is-sentenzi hi li kull pajjiż għandu d-dritt jistabbilixxi r-regoli tiegħu fil-qasam tal-prokreazzjoni assistita. Kull pajjiż jista' jistabbilixxi d-definizzjoni tiegħu ta' "persuna." Permezz tal-leġislazzjoni konsistenti tagħha, Malta ħaddmet il-marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni rikonoxxut lilha mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem biex tqis bħala "persuni" mhux biss esseri umani li jitwieldu vijabbli, imma anki persuni li għadhom ma twildux, sew jekk huma embrijuni, sew jekk feti, ladarba jkunu tnisslu.

3.4. F'Malta, fis-sistema kollha legali Maltija, id-dritt għall-ħajja jestendi għall-embrijun uman. Kemm fil-*Kodiċi Ċivili* u kemm fil-*Kodiċi Kriminali* l-embrijun uman hu protett mil-liġi, meqjus bħala suġġett tal-liġi u mogħti drittijiet mhux biss mit-twelid imma mill-mument tat-tnissil 'il quddiem.

## 4. Kunsiderazzjonijiet Mediċi

4.1. Meta mqabbel ma' pajjiżi Ewropej oħra, is-servizz ta' IVF mogħti bħalissa f'Malta diġà kiseb riżultati tajbin bl-*oocyte vitrification*. L-argument li l-iffriżar tal-embrijuni jevita l-bżonn li dik li sa ssir omm tgħaddi minn stimulazzjoni tal-ovarji, fil-fatt dan qed jinkiseb permezz tal-*oocyte vitrification*. Għalhekk, m'hemm l-ebda "valur miżjud" mal-iffriżar tal-embrijuni. Hemm prezz għoli (etiku, morali, finanzjarju, psikoloġiku) x'jitħallas, speċjalment għax l-iffriżar tal-embrijuni aktarx jirriżulta fil-ħela u l-qerda ta' embrijuni, u hekk ikun

iċaħħad minn din il-protezzjoni b'saħħitha li qed tagħti l-Liġi Maltija bħaslissa lit-tarbija li għadha ma twilditx.

4.2. Fil-prattika hu diffiċli tillimita l-ittestjar ġenetiku ta' qabel l-impjantazzjoni għall-*aneuploidy* biss. Iktar iva milli le, se jinkifxu kundizzjonijiet ġenetiċi oħra u, fil-prattika, ħafna mill-embrijuni "anormali/difettużi," jekk mhux kollha, jibqgħu ma jiġux impjantati u eventwalment jintremew. Li nagħżlu liema embrijuni nimpjantaw ifisser prattiċi ta' selezzjonijiet ewġeniċi u dan jinvolvi l-qtil volontarju u deliberat ta' embrijuni umani innoċenti.

## 5. Materji ta' Tħassib

5.1. *L-Embrijun Uman bħala Komodità:* L-iffriżar tal-embrijuni umani, id-donazzjoni tal-gameti, il-maternità surrugata u l-għażla bejn embrijuni umani jippromwovu kultura ta' manipulazzjoni li tirriduċi lit-tarbija li għad titwieled għal sempliċi oġġett ta' xewqa jew anki massa ta' ċelloli biex jintużaw, jintgħażlu jew jintremew. It-tarbija għandha d-dritt *titnissel* mill-ġenituri tagħha, *tinġarr* fil-ġuf minn ommha, kif ukoll li *titrabba* fil-kuntest ta' żwieġ jew relazzjoni stabbli.

5.2. *Mudelli ta' Fertilità u Tnissil tal-Ulied li qed jinbidlu:* Ir-rati tat-twelid f'Malta mas-snin niżlu, bħalma għamlu dawk tal-bqija tal-Ewropa. Hi meħtieġa aktar riċerka fuq il-kawżi tal-infertilità f'Malta, kif ukoll investiment fl-edukazzjoni u fil-prevenzjoni tal-infertilità.

5.3. *Li jkollna t-Tfal hu x'inhu l-Prezz:* Wieħed għandu jistaqsi: Hemm xi dritt li wieħed ikollu l-ulied hu x'inhu l-prezz? L-ikbar tħassib hu li din il-mistoqsija spiss hi mwieġba skont x'jixtieq l-individwu iktar milli x'inhu fl-aħjar interessi tat-tfal. Il-ħolqien tat-tfal, anki jekk ġie ffaċilitat permezz tat-teknoloġija li dejjem tavvanza, xorta għandu jkun imsejjes fuq id-drittijiet u l-interessi tat-tfal. Il-bżonnijiet u x-xewqat ta' terzi persuni, huma kemm huma ġenwini, ma jistgħux jitqiesu fuq l-istess livell ma' dawk tat-tarbija.

5.4. *Il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ġisem tal-Mara:* Il-ħsieb wara li omm iġġorr f'ġufha tarbija, hu x'inhu l-prezz, anki jekk din hi l-wild bijoloġiku ta' xi ħadd ieħor, jagħmel mill-mara oġġett, ibaxxiha għas-sempliċi livell ta' inkubatur. Il-kunċett ta' matetnità surrogata, b'mod partikulari, ifarrak u jġib fix-xejn il-kunċett ta' ġenituri. Il-maternità m'għandhiex tinqasam f'maternità ġenetika, ġestazzjonali u soċjali. Din il-prattika tisfrutta kemm lill-mara kif ukoll lit-tarbija, u tagħmel ħsara lill-mod kif it-tnissil u t-tqala huma meqjusa fis-soċjetà kollha.

## 6. Aspetti Etiċi

6.1. *Il-Protezzjoni tal-iżjed Vulnerabbli:* Żgur mhux forsi li karatteristika ta' soċjetà ċivilizzata hi kemm tagħti kas tal-membri vulnerabbli tagħha. Kull liġi li ma tipproteġix l-innoċenti qed tfalli fl-ewwel għan tagħha. Il-liġi Maltija li tirregola l-prokreazzjoni assistita hi msejħa *Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* preċiżament għax hi tiżgura s-sigurtà u l-protezzjoni sħiħa lill-embrijun uman vulnerabbli. Id-drittijiet tat-trabi għall-protezzjoni minn ħsara fiżika u soċjali – qabel u wara t-twelid – għandu jkun l-ikbar tħassib etiku.

6.2. *L-Istatus Morali tal-Embrijun Uman:* Jekk il-ħajja umana tibda mal-fertilizzazzjoni u l-embrijun uman hu l-istess individwu bħall-bniedem imdaħħal fiż-żmien, allura l-embrijun uman għandu sa mill-bidu tiegħu d-dinjità li tixraq lill-esseri uman. Ir-rispett lejn l-esseri uman individwali, mitlub mir-raġuni nfisha, jistagħna u jissaħħaħ iżjed fid-dawl tal-fidi: għalhekk, m'hemm l-ebda kontradizzjoni bejn l-affirmazzjoni tad-dinjità tal-embrijun uman u l-affirmazzjoni tal-qdusija tiegħu. Id-dritt għall-ħajja u għall-integrità fiżika li għandu kull bniedem mit-tnissil sal-mewt naturali tiegħu għandhom jiġu rrispettati. Ir-rimi jew qerda volontarja u deliberata tal-embrijun uman, l-iffriżar ta' l-embrijuni żejda, l-użu tagħhom għal riċerka xjentifika bażika, u l-espożizzjoni tagħhom għal riskju serju ta' mewt jew ħsara fiżika huma etikament inaċċettabbli.

6.3. *Id-Donazzjoni tal-Gameti:* Id-donazzjoni tal-gameti ma tistax titfisser sempliċiment bħala att ta' ġenerożità ta' għotja ta' sperma jew bajda lil xi ħadd biex ikollu tarbija. Tinvolvi skambju kumpless ta' drittijiet u obbligi. Hu ħażin li toħloq tarbija u teskludi sa mill-bidu nett li tassumi r-responsabbiltajiet għal dik it-tarbija jew li jkollok relazzjoni ta' ġenitur magħha. Id-donazzjoni tal-gameti għandha impatt kruċjali fuq il-ħajja tal-wild u l-iżvilupp tal-identità tiegħu. Id-donazzjoni tal-gameti ma tistax tiġi ġġustifikata billi titqabbel mad-donazzjoni tal-organi jew titqies bħala nofs-adozzjoni.

6.4. *Il-Ġid tat-Tarbija li ħa Titwieled:* Il-prattika ta' prokreazzjoni umana medikament assistita tolqot id-drittijiet tat-tfal. Il-ħarsien tal-ġid tal-tarbija għandu jinkludi l-għarfien tal-ħtieġa li għandha t-tarbija kemm ta' missier u kemm ta' omm. Bl-istess mod, hu fl-interess tat-tfal li jikbru f'ambjent ta' familja stabbli u jitrabbew mill-ġenituri ġenetiċi tagħhom.

6.5. *Ix-Xewqa għat-Tarbija "Perfetta":* Meta jinħoloq embrijun uman *in vitro*, il-ġenituri u l-esperti mediċi jħossuhom imġiegħla jaħsbu li, la qed jinvestu daqshekk fil-proċess, għandhom "dmir" li jassoġġettaw l-embrijun uman għal

"kontroll ta' kwalità" biex jiżguraw li l-"prodott" finali jissodisfa l-aspettattivi ta' kulħadd. Ir-raġunar wara d-djanjosi ġenetika ta' qabel l-impjantazzjoni (PGD) jirrifletti din il-mentalità teknika u konsumerista li tittrasforma l-embrijun uman f'komodità li tista' tiġi mmanipulata biex wieħed jikseb "ideal" predeterminat. Imma l-ulied għandhom id-dritt li jiġu milqugħa *bla ebda kundizzjoni* sa mill-bidu ta' ħajjithom. Kull rimi jew qerda volontarja tal-embrijuni umani minħabba f'diżabbiltà jew karatteristiċi mhux mixtieqa hi etikament inaċċettabbli.

6.6. *Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà:* Il-valur u d-dinjità tal-persuni umani ma jiġux mill-karatteristiċi fiżiċi jew ħiliet intellettwali tagħhom.

## 7. Riflessjonijiet Konklużivi

Fid-dawl tal-argumenti żviluppati f'dan id-dokument ta' pożizzjoni, nikkonkludu li:

7.1. L-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* (2012) għandu jinżamm kif inhu għax jipproteġi d-dinjità u l-integrità tal-embrijun uman u l-interessi leġittimi tat-tarbija li għad titwieled waqt li jżomm standards għoljin ta' etika fit-trattament tal-fertilità.

7.2. It-tagħrif xjentifiku prevalenti u r-riżultati miksuba lokalment fit-trattament bl-IVF fil-fatt juru li l-introduzzjoni tal-iffriżar tal-embrijuni f'rabta mal-proċeduri ta' IVF f'Malta la hu meħtieġ u lanqas huma raġonevoli. Mhux se jtejjeb ir-rati ta' suċċess tal-IVF, imma joħloq "orfanatrofji tal-embrijuni" li jiggravaw id-dilemmi etiċi u t-tbatija psikoloġika.

7.3. M'hemm l-ebda evidenza li l-liġi tal-UE u d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qed jitolbu xi bidla fl-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni*.

7.4. Hu improbabbli ħafna li l-ittestjar ġenetiku ta' qabel l-impjantazzjoni se jiġi ristrett għal kundizzjonijiet fatali (m'hemmx possibbiltà li t-tarbija tgħix). Aktar hu probabbli li jiġi estiż biex ikopri kundizzjonijiet oħra. Dan se jwassal, kważi dejjem, għas-selezzjoni, ir-rifjut u l-ħela tal-embriji.

7.5. L-involviment ta' terzi persuni jikkumplika l-proċess, joħloq dilemmi fuq min huma l-veri ġenituri u jwassal għal kwistjonijiet serji etiċi, legali u psiko-soċjali.

## 8. Rakkomandazzjonijiet

8.1. Il-Kumitat tal-Affarijiet Barranin tal-Kamra tar-Rappreżentanti għandu jwettaq eżerċizzju ta' konsultazzjoni wiesgħa biex kull emenda proposta għall-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* kif inhu bħalissa tiġi studjata fid-dettall u t-tħassib kollu li qed jesprimu ċ-ċittadini fil-medja lokali jingħata l-attenzjoni u l-kunsiderazzjoni mistħoqqa.

8.2. Hemm bżonn ta' aktar riċerka fuq il-kawżi ta' infertilità u li ninkuraġġixxu aktar investiment biex jgħin fil-prevenzjoni tal-isterilità.

8.3. Għandna nħeġġu ż-żieda fl-adozzjonijiet u l-*fostering*, nippromovuhom u niffaċilitawhom b'liġi xierqa, biex it-tfal li m'għandhomx ġenituri jista' jkollhom dar li tgħin fl-iżvilupp uman tagħhom.

8.4. Irridu nagħtu iktar piż lill-prinċipji stabbiliti f'liġijiet oħra f'Malta li jagħtu drittijiet lill-embrijun uman, iqisu l-aħjar interess tal-embrijun uman bħala tal-ikbar importanza, u jibbilanċjaw il-miżien favur id-dinjità umana iktar milli favur li t-tfal jitqiesu bħala oġġetti jew komoditajiet.

8.5. Għandu jiġi offrut sapport fuq livell uman u pastorali lil dawk il-persuni li għal xi raġuni jew oħra ma jistax ikollhom ulied tagħhom. Dawn il-persuni jixirqilhom li jsibu l-inkuraġġiment u l-għajnuna sħiħa tas-soċjetà kollha, biex jaslu jikkunsidraw l-adozzjoni jew modi oħra ta' sodisfazzjon uman.

8.6. Għandu jinżamm reġistru nazzjonali taċ-ċikli kollha tal-IVF (pubbliċi u privati), u r-riżultati tiegħu jiġu diskussi u maqsuma mal-kliniċisti u l-embrijoloġisti involuti, biex inkunu nistgħu nikkontrollaw aħjar u ntejbu l-prattiċi mħaddma.

# Dokument ta' Pożizzjoni

## 1. Introduzzjoni

1.1. Il-proċeduri mediċi għall-assistenza tal-prokreazzjoni umana, fosthom il-fertilizzazzjoni *in vitro* (IVF), ilhom disponibbli f'Malta għal ftit taż-żmien sew, għalkemm kien biss dan l-aħħar li ddaħħlu fis-servizz nazzjonali tas-saħħa. Sa tliet snin ilu, ma kien hemm l-ebda qafas legali speċifiku li jirregola l-użu tagħhom; kienu jiġu applikati prinċipalment f'linja mal-liġi li tipprojbixxi l-abort u l-provedimenti legali li jirregolaw il-professjoni medika, il-paternità u materji oħra relevanti.

Il-liġi attwali hi r-riżultat ta' perjodu pjuttost twil ta' diskussjoni, inkluż fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Għalkemm kien hemm differenzi ta' opinjoni fuq ċerti materji, il-vot unanimu fil-Parlament li approva l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni, 2012,* wera li l-membri kollha tal-Parlament qablu li l-liġi għandha tiżgura li t-teknika prokreattiva umana ma tiġix applikata sempliċement skont għamla ta' loġika utilitarja. Nixtiequ kemm nixtiequ li din it-teknika jkollha suċċess, dan m'għandux iseħħ bi spejjeż tal-valuri li huma bażiċi għal soċjetà tabilħaqq umana. Is-"success" jagħmel sens umanament meta jitkejjel fuq sett ta' kriterji li jmorru lil hemm mis-suċċess jew il-falliment li wieħed jikseb dak li jrid.

1.2. Dan id-dokument ta' pożizzjoni, li fuq talba tal-Knisja f'Malta ġie mħejji minn grupp li jinkludi esperti fil-qasam tal-mediċina klinika, il-liġi, il-psikoloġija, il-politika soċjali, l-istudji tal-familja, l-istudji tad-diżabbiltà, il-filosofija u t-teoloġija, mhux maħsub biex jiddiskuti l-aspetti etiċi tal-IVF jew tekniċi oħra prokreattivi umani, imma biex iwieġeb għall-emendi li l-Gvern jidher li qed jippjana li jdaħħal fl-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni.*[1] Dawn l-emendi, qed jingħad, huma meqjusa meħtieġa fid-dawl ta' żviluppi riċenti, bħalma hu l-provediment Kostituzzjonali li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, l-introduzzjoni tal-unjonijiet ċivili bejn koppji tal-istess sess bid-dritt għall-adozzjoni, u ċerti sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR). Twaqqaf Kumitat Inter-Ministerjali tax-Xogħol dwar ir-

[1] Dwar il-pożizzjoni tal-Knisja fuq it-teknoloġiji riproduttivi ara ż-żewġ dokumenti tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi: *Donum Vitae: Istruzzjoni fuq ir-Rispett lejn il-Ħajja Umana fil-Bidu tagħha u fuq id-Dinjità tal-Prokreazzjoni. Tweġibiet għal Ċerti Kwistjonijiet tal-Ġurnata* (1967), u *Dignitas Personae: Istruzzjoni fuq Ċerti Kwistjonijiet Bioetiċi* (2008).

Reviżjoni tal-IVF, magħmul minn professjonisti mill-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili, u l-Ministeru għall-Ġustizzja, il-Kultura u l-Gvern Lokali, biex jikkordina l-proċess ta' konsultazzjoni mniedi mill-Gvern.

Il-Knisja trid tieħu sehem f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni. It-teknoloġija riproduttiva hi miżgħuda bi kwistjonijiet morali, etiċi, legali, soċjo-kulturali, psikoloġiċi u emozzjonali li evidentement huma materji serji ta' tħassib għas-soċjetà ċivili. Il-Knisja tixtieq tieħu sehem f'dan id-dibattitu fi spirtu ta' djalogu, u ssejjes il-kontribut tagħha fuq il-valuri li tħaddan, li huma l-valuri ta' għadd kbir ta' ċittadini Maltin, u fuq l-esperjenza twila li għandha f'li tisma' u tagħti sapport lil persuni f'diffikultajiet, fosthom dawk marbuta mal-infertilità.

1.3. Dan id-dokument ta' pożizzjoni jipprova jwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet: X'inhu t-tħassib wara l-liġi attwali? L-emendi li donnhom se jiddaħħlu, sa jsaħħu jew idgħajfu s-salvagwardji diġà stabbiliti biex iħarsu partikularment id-dinjità u l-integrità tal-embrijun uman sa mit-tnissil? Dawn il-mistoqsijiet huma miżmuma b'mod wiesa' bħala tħassib mhux biss ta' xi twemmin reliġjuż speċifiku imma wkoll ta' kull membru tas-soċjetà ċivili li jfittex jagħti servizz lill-komunità.

Id-dokument l-ewwel se jiddiskuti l-għan wara l-*Att dwar i-Protezzjoni tal-Embrijuni* u l-valuri etiċi ewlenin li hemm warajh. It-tieni, se jifli b'mod kritiku d-dikjarazzjoni li hemm bżonn bidla fil-liġi attwali dwar il-prokreazzjoni umana medikament assistita fid-dawl tal-leġislazzjoni lokali u sentenzi riċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. It-tielet, ir-rata ta' suċċess tas-servizz lokali tat-trattament tal-IVF bħalissa se titqabbel mar-riżultati miksuba f'pajjiżi oħra. Ir-raba', se jitqajmu xi kwistjonijiet ta' tħassib dwar il-bidla radikali proposta fl-attenzjoni li tagħti l-liġi kif inhi llum. Il-ħames, se jiġu diskussi l-aspetti etiċi ta' ċerti metodi tekniċi ta' trattament tal-IVF li jidher li qed jiġu rrakkomandati biex jiddaħħlu fil-liġi attwali. Fl-aħħar nett, se jiġu mressqa għadd ta' rakkomandazzjonijiet għad-dibattitu pubbliku.

## 2. L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni

2.1. *L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* fl-istess isem tiegħu jiġbor l-attenzjoni prinċipali li jagħti u l-prinċipju etiku ewlieni tiegħu. Hu ċar li l-għan tiegħu hu l-protezzjoni tal-embrijun uman u l-interessi leġittimi tat-tarbija li għad titwieled. Il-miżuri li jistabbilixxi jridu jiżguraw li l-użu tat-teknika prokreattiva umana jkun f'linja ma' dan l-għan. L-Att jipprovdi għal dawk il-miżuri li normalment għandhom japplikaw u dawk li jistgħu jittieħdu f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Il-provedimenti mogħtija għal każijiet eċċezzjonali mhumiex maħsuba biex isiru r-regola imma biex jipprovdu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn wieħed jista' jirrikorri għal miżura li ġeneralment mhix aċċettata iżda hija permessibbli, taħt ċerti kundizzjonijiet, biex tippreserva l-ħajja tal-embrijun.

Wieħed jista' jara kif il-liġi ġeneralment qed tfittex li tipproteġi l-embrijun billi jinnota mhux biss l-isem mogħti lill-Awtorità responsabbli mill-implimentazzjoni tal-liġi, imma anki l-ħidmiet assenjati lilha. Fil-fatt, l-Awtorità hi magħrufa bħala l-*Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità"), preċiżament biex tafferma li l-missjoni tagħha hi li tiżgura li l-mod kif il-liġi qegħda tiġi applikata qiegħed tassew jagħti l-protezzjoni xierqa lill-embrijun uman. B'mod iżjed konkret, il-ħidma tagħha hi, fost l-oħrajn, li tiżgura li l-personal kollu involut fil-proċeduri tal-prokreazzjoni medikament assistita qed iżomm ma' istandards għoljin tal-etika; biex tintervieni f'każijiet ġustifikabbli ta' suspett raġunat li l-provedimenti tal-liġi mhux qed jiġu rrispettati billi titlob l-informazzjoni kollha rilevanti; u biex tagħmel spezzjonijiet ħa tiżgura li l-istandards tal-aqwa prattika qed jiġu rrispettati.

2.2. Il-lista ta' proċeduri illegali li tagħti l-liġi bħalissa mill-ġdid tikkonferma l-għan ewlieni tagħha li tipproteġi l-embrijun uman. Biex tevita r-rimi jew l-iffriżar ta' embrijuni, ma jistgħux jiġu ffertilizzati aktar minn żewġ ċelluli ta' bajda umana ta' mara, anki jekk tliet bajdiet jistgħu jiġu ffertilizzati f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Dan għandu jsir fi qbil ma' protokoll stabbilit bil-kitba mill-Awtorità, imwaqqfa bil-liġi attwali, wara konsultazzjoni ma' rappreżentanti ta' ostetriċi u pedjatriċi. Każijiet fejn l-embrijun uman ikun intuża ħażin huma identifikati preċiżament biex jiżguraw li l-embrijun hu effettivament protett u ttrattat b'rispett. Ta' importanza partikulari f'dan il-kuntest huma l-provedimenti tal-liġi dwar min hu intitolat għal proċeduri ta' prokreazzjoni medikament assistita u każi ta' emerġenza li jiġġustifikaw l-iffriżar tal-embrijuni.

2.3. L-aċċess għal proċeduri ta' prokreazzjoni medikament assistita hu limitat għal "żewġ persuni tas-sess oppost li huma magħqudin fiż-żwieġ, jew li laħqu l-età ta' maġġorenni u jinsabu f'relazzjoni stabbli bejniethom."[2] Il-limitazzjoni tal-assistenza medika tal-prokreazzjoni għal żewġ persuni tas-sess oppost li jew huma miżżewġa jew qed jgħixu flimkien f'relazzjoni stabbli tista' tidher problematika, jekk il-prinċipju ta' "aċċess ekwu" ma jiġix mifhum kif għandu jkun. Il-prinċipju jippresupponi li l-materja li għaliha wieħed jista' jkollu aċċess hi ta' natura partikulari. Restrizzjonijiet huma ġustifikati biss jekk huma mitluba min-*natura* tal-każ. Ngħidu aħna, l-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza tiddipendi fuq it-*tifsira* u *l-valur* li nixtiequ nagħtu liċ-ċittadinanza.

2.4. L-eċċezzjoni li l-liġi tippermetti fil-każ tal-iffriżar tal-embrijuni hi "meta t-trasferiment fil-ġuf tal-embrijun fertilizzat ma jkunx possibbli minħabba forza maġġuri gravi u ppruvata li ma tkunx ġiet preveduta fil-mument tal-fertilizzazzjoni."[3] F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jkunx hemm għażla oħra għall-preservazzjoni tal-embrijun ħlief li jiġi ffriżat. L-għan hu li l-embrijun jinżamm ħaj u jkun f'pożizzjoni li jiżviluppa ladarba jkun impjantat fil-ġuf tal-omm. Fil-fatt, il-liġi titlob li l-embrijun jiġi trasferit malajr kemm jista' jkun. Li nippermettu l-iffriżar tal-embrijuni f'każijiet bħal dawn hi ħaġa; li nippermettu l-iffriżar tal-embrijuni biex ikollna għad-dispożizzjoni tagħna numru ta' embrijuni żejda f'każ li jkun hemm bżonnhom biex jiġu impjantati fi stadju iktar tard hi ħaġa oħra. Ta' min iżomm f'moħħu li l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* qed jittratta embrijuni li huma esseri umani mogħnija b'dinjità umana sa mill-mument tat-tnissil, u mhux b'materjal bijoloġiku li jista' faċilment jintrema.

Il-liġi tippermetti wkoll li meta jsir xi ksur ta' xi dispożizzjoni tal-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni*, "l-Awtorità tista' tordna l-iffriżar ta' xi embrijun sabiex tiġi preservata l-ħajja tiegħu." Mill-ġdid, ir-raġuni għall-eċċezzjoni f'dan il-każ hi bla dubju ta' xejn dik li tippreserva l-ħajja tal-embrijun.

Skont sorsi tal-Gvern, waħda mir-raġunijiet għat-tibdil tal-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* attwali hi dik li jinġab f'linja mal-leġislazzjoni riċenti f'Malta u ma' pożizzjonijiet meħuda dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hu importanti neżaminaw b'reqqa kemm il-leġislazzjoni Maltija u kemm id-deċiżjonijiet li ħadet il-Qorti f'każijiet relevanti.

---

2 Art. 2.
3 Art. 7.

## 3. Kunsiderazzjonijiet Legali

3.1. F'April 2014, l-*Att dwar l-Unjonijiet Ċivili*, Kapitlu 530 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie mdaħħal bħala parti mil-leġislazzjoni Maltija. Ir-reġistrazzjoni tas-sħubija bħala unjoni ċivili hi permessa bejn żewġ persuni tal-istess sess jew sess differenti. Din il-liġi tagħti lill-unjonijiet ċivili l-istess drittijiet, responsabbiltajiet u obbligi bħaż-żwieġ. Madankollu, l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* ma jippermettix lil koppji tal-istess sess l-aċċess għal prokreazzjoni medikament assistita. Għalhekk qed jingħad li l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* hu diskriminatorju. Xi wħud għalhekk jargumentaw li hemm bżonn urġenti li l-liġi attwali tiġi emendata biex tagħmel tajjeb għal dik li huma jqisu bħala disparità inġusta.

3.2. Kemm il-*Kostituzzjoni ta' Malta* u kemm il-*Konvenzjoni Ewropea dwar il-Drittijiet tal-Bniedem* jiggarantixxu protezzjoni mid-diskriminazzjoni. Madankollu, l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* ma jistax jitqies diskriminatorju meta jeskludi koppji tal-istess sess milli jirrikorru għal prokreazzjoni medikament assistita. Il-prokreazzjoni medikament assistita għal koppja eterosesswali, fejn il-gameti jiġu provduti mill-koppja nfisha, u l-prokreazzjoni medikament assistita għal koppja omosesswali jew koppja eterosesswali, fejn ikun hemm d-donazzjoni tal-gameti jew maternità surrogata, la huma simili u lanqas jistgħu jitqabblu ma' xulxin, u ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni ma meta wieħed ma jqabbilx żewġ affarijiet tal-istess livell.

Il-limitazzjoni ta' prokreazzjoni assistita għal żewġ persuni ta' sess oppost li huma jew miżżewġa jew qed jgħixu ma' xulxin f'relazzjoni stabbli tippresupponi li l-"aċċess ekwu" hu ddeterminat mit-*tifsira* u l-*valur* li naraw fil-prokreazzjoni umana. Jekk inħarsu lejn il-prokreazzjoni umana bħala proċess li jista' jiġi manipulat u użat biex ninqdew bih għal dak li aħna nistgħu *nixtiequ* li niksbu minnu, ir-restrizzjoni tal-aċċess lil grupp partikulari (bħal koppja eterosesswali) ikun diskriminatorju. Imma jekk narawh bħala proċess li nittamaw li jwassal għat-twelid ta' tarbija, l-argument kruċjali jkun kif niżguraw li l-aħjar interessi tat-tarbija jiġu tabilħaqq imħarsa. Għadna rridu naraw x'jistgħu jkunu r-riperkussjonijiet tal-involviment ta' terzi persuni (permezz tad-donazzjoni ta' gameti u/jew il-maternità surrogata) fuq l-identità u l-benesseri tat-tarbija li għad trid titwieled.[4]

---

[4] Għadu mhux magħruf kif relazzjonijiet ma' terzi persuni jiżvolġu maż-żmien għax sal-lum, it-tfal li ġew studjati sa issa kienu pre-adolexxenti, kemm tfal li twieldu b'donazzjoni ta' gameti u kemm dawk minn maternità surrogata. Susan Golombok, *Modern Families: Parents and Children in New Family Forms*, (Cambridge, 2015).

3.3. Hemm erba' każi tal-ECHR li l-Gvern identifika bħala relevanti għall-leġislazzjoni ġdida li qed tiġi proposta. Dawn huma *Evans v. ir-Renju Unit* (2007),[5] *S.H. u Oħrajn v. l-Awstrija* (2011),[6] *Parrillo v. l-Italja* (2015),[7] u *Costa u Pavan v. l-Italja* (2012).[8] L-Artikoli tal-*Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem* li l-applikanti rreferew għalihom fl-erba' każijiet relatati mal-prokreazzjoni assistita huma dawn: l-Artikolu 2 dwar id-dritt għall-ħajja; l-Artikolu 8 dwar ir-rispett tal-privatezza; l-Artikolu 14 dwar id-diskriminazzjoni; u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 fuq id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà. Fl-ewwel tliet każijiet, il-Qorti ddeċidiet favur l-Istat rispondent u kontra l-applikant individwali. Sabet li l-liġi domestika attwali ma tivvjolax il-Konvenzjoni. Dawn il-każijiet ma jappoġġjawx l-opinjoni tal-Gvern. Fil-każ ta' *Costa u Pavan v. l-Italja* (2012), għalkemm il-Qorti ddeċidiet favur l-applikanti, il-verdett hu bbażat fuq il-Liġi Taljana dwar l-abort li m'hemm xejn ekwivalenti għaliha fil-Liġi Maltija. Lanqas dan il-każ ma jappoġġja l-opinjoni tal-Gvern.

Każ ieħor li, għalkemm mhux direttament marbut mat-teknoloġija riproduttiva, jixħet dawl fuq l-istatus morali u legali tal-embrijun uman, hu dak ta' *Oliver Brüstle v. Greenpeace e.V.* (2011).[9] Din kienet deċizjoni importanti fl-għarfien legali tad-dinjità tal-embrijun uman sa mill-ewwel mument tal-fertilizzazzjoni tiegħu. Kull bajda ta' mara, malli tiġi ffertilizzata, għandha titqies bħala "embrijun uman." Din is-sentenza tagħmilha ċara li l-fertilizzazzjoni timmarka l-bidu tal-eżistenza bijoloġika ta' esseri uman. Għalhekk, l-embrijun uman, f'kull stadju tal-iżvilupp tiegħu, irid jitqies bħala "esseri uman b'potenzjal," u mhux biss "potenzjalment esseri uman."

3.4. F'Malta, is-sitwazzjoni hi differenti minn dik tal-pajjiżi li minnhom ħarġu l-każijiet msemmija hawn fuq. Fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu 2006 fuq il-każ ta' *Evans v. ir-Renju Unit* (2007), il-Kamra osservat li f'*Vo. v. Franza* (2004),[10] fin-nuqqas ta' kunsens Ewropew fuq id-definizzjoni xjentifika u legali tal-bidu tal-ħajja, l-argument fuq meta jibda d-dritt għall-ħajja jaqa' taħt il-marġini ta' diskrezzjoni li l-Qorti ġeneralment tqis li l-Istati għandhom igawdu f'dan il-qasam (kull pajjiż għandu d-dritt li jistabbilixxi hu d-definizzjoni tiegħu ta' meta tibda l-ħajja protetta u l-Qorti ma tindaħalx u lanqas ittellef dan il-verdett nazzjonali). Fit-tħaddim tagħha ta' dan il-marġini

---

5 Applikazzjoni nru 6339/05; Sentenza fi Strasbourg fl-10 ta' April 2007.
6 Applikazzjoni nru 57813/00; Sentenza fi Strasbourg fit-3 ta' Novembru 2011.
7 Applikazzjoni nru 46470/11; Sentenza fi Strasbourg fis-27 ta' Awwissu 2015.
8 Applikazzjoni nru 54270/10; Sentenza fi Strasbourg fit-28 ta' Awwissu 2012.
9 Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) fit-18 ta' Ottubru 2011.
10 Applikazzjoni nru 53924/00; Sentenza fi Strasbourg fit-8 ta' Lulju 2004.

ta' diskrezzjoni, rikonoxxut mill-ECHR lill-istati kollha, Malta għażlet il-marġini wiesa' ta' diskrezzjoni rikonoxxut lilha mill-ECHR, u l-liġijiet tagħha jqisu bħala persuni mhux biss esseri umani li jitwieldu vijabbli imma anki persuni li għadhom ma tweldux, sew jekk huma embrijuni, sew jekk feti, ladarba jkunu tnisslu. Għalhekk, f'Malta, id-dritt għall-ħajja jmur *lil hemm* mit-twelid ta' tarbija vijabbli, għax jinkludi wkoll l-embrijun u l-fetu. Sakemm ma jiġix ordnat il-kuntrarju minn xi liġi speċjali, il-liġi Maltija tagħti l-primat lill-aħjar interess tat-tarbija u mhux lill-aħjar interess ta' koppja, u t-tarbija tinkludi wkoll persuna li, għalkemm imnissla, għadha ma twelditx vijabbli, bħalma hu l-każ ta' embrijun jew fetu. Dan narawh minn dawn il-kunsiderazzjonijiet legali:

a) Id-dritt għad-dinjità hu minqux kemm fir-Raba' Kapitlu tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu, u kemm fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protokolli tagħha. Il-kunċett ta' dinjità umana kien fundamentali biex ġew iġġustifikati għadd ta' sentenzi importanti tal-ECHR. Wieħed iqis, ngħidu aħna, il-każijiet li ġejjin: *Pretty v. ir-Renju Unit* (2002),[11] *Christine Goodwin v. ir-Renju Unit* (2002),[12] *Valasinas v. il-Litwanja* (2001),[13] *Yankov v. il-Bulgarija* (2003),[14] *Kokkinakis v. il-Greċja* (1993),[15] *Saunders v. ir-Renju Unit* (1996),[16] u *Keenan v. ir-Renju Unit* (2001),[17] u l-fehma kuntrarja tal-Imħallfin Spielmann u Jebens fil-każ ta' *Vereinigung Bildender Kunstler v. l-Awstrija* (2007).[18] Il-punt komuni fl-aħħar sentenza hu li: "…il-kunċett tad-dinjità jipprevali fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, anki jekk mhuwiex imsemmi espressament fit-test tal-Konvenzjoni; … l-essenza stessa tal-Konvenzjoni hi r-rispett lejn id-dinjità umana u l-libertà umana."

   Kif stqarr E. Decaux, id-dinjità u l-universalità ma jistgħux jinfirdu minn xulxin għax il-fundament tad-drittijiet umani ma jistax ikun ħaġa oħra għajr id-"dinjità ekwa" tal-bnedmin kollha.[19] Iktar minn hekk, il-*Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dinjità tal-Esseri Uman fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina:*

[11] Applikazzjoni nru 2346/02; Sentenza fi Strasbourg fid-29 ta' April 2002.
[12] Applikazzjoni nru 28957/95; Sentenza fi Strasbourg fil-11 ta' Lulju 2002.
[13] Applikazzjoni nru 44558/98; Sentenza fi Strasbourg fl-24 ta' Lulju 2001.
[14] Applikazzjoni nru 39084/97; Sentenza fi Strasbourg fil-11 ta' Diċembru 2003.
[15] Applikazzjoni nru 14307/88; Sentenza fi Strasbourg fil-25 ta' Mejju 1993.
[16] Applikazzjoni nru 19187/91; Sentenza fi Strasbourg fis-17 ta' Diċembru 1996.
[17] Applikazzjoni nru 27229/95; Sentenza fi Strasbourg fit-3 ta' April 2001.
[18] Applikazzjoni nru 68354/01; Sentenza fi Strasbourg fil-25 ta' Jannar 2007.
[19] E. Decaux, "Dignité et universalité," f'*Dignité humaine et hiérarchie des valeurs: Les limites irréductibles,* ed. S. Marcus Helmons (Brussels, Academia-Bruylant, Bruylant, 1999), 164.

*Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina* (1997) tipprovdi f'Artikolu 1 li: "Il-Partijiet f'din il-Konvenzjoni għandhom jipproteġu d-dinjità u l-identità tal-esseri umani kollha u jiggarantixxu lil kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni, rispett lejn l-integrità tagħhom u drittijiet u libertajiet fundamentali oħra fejn tidħol l-applikazzjoni tal-bijoloġija u l-mediċina. Kull Parti għandha tieħu fil-liġi interna tagħha l-miżuri neċessarji biex twettaq il-provedimenti ta' din il-Konvenzjoni." Iktar minn hekk, proprju l-ewwel artikolu fil-*Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*, issa parti mit-*Trattat ta' Lisbona*, jiddikjara li: "Id-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli. Hija għandha tkun irrispettata u protetta";

b) il-*Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem* tiddikjara f'Artikolu 2 li "id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi" imma tibqa' lura milli tiddefinixxi l-espressjoni "kulħadd" – tħalli din id-definizzjoni biex tiġi ddeterminata minn kull stat individwali;

c) il-Kostituzzjoni ta' Malta f'Artikolu 33(1) tiddikjara li: "L-ebda persuna ma tista' tiġi pprivata mill-ħajja tagħha intenzjonalment ...". Għal darba oħra, il-Kostituzzjoni ma tagħti l-ebda definizzjoni ta' "persuna," għalkemm il-Liġi Maltija twessa' d-definizzjoni tat-terminu biex ikopri każijiet mhux biss ta' persuna li titwieled vijabbli (ara, ngħidu aħna, l-Artikolu 601 u 1747 tal-*Kodiċi Ċivili*) imma wkoll ta' persuni oħra li, għalkemm għadhom ma tweldux, huma persuni għax huma suġġetti ta' drittijiet. Dan hu l-każ ta' persuna imnissla imma li għadha ma tweldítx li tiġi assenjata kuratur *ad ventrem* biex jissalvagwardja l-interessi proprjetarji tagħha sa ma titwieled, bħal fil-każ tal-artikolu 170 tal-*Kodiċi Ċivili*; jew persuni li għadhom mhumiex imnissla imma li meta tinħoloq fundazzjoni diġà jistgħu jissemmew bħala benefiċjarji jew jiffurmaw parti minn klassi ta' benefiċjarji għalkemm id-drittijiet tagħhom jibdew japplikaw biss meta jkunu twieldu vijabbli (Artikolu 33(5) tat-Tieni Skeda tal-*Kodiċi Ċivili*);[20]

d) l-Artikoli 241 u 243 tal-*Kodiċi Kriminali* jirrikonoxxu u jipproteġu kull ħajja li għadha ma tweldítx, sew jekk fetu u sew jekk embrijun, billi jqisu bħala offiża kriminali kull korriment volontarju, kemm jekk isir mill-omm u kemm minn persuna li tkun tassisti fl-abort;

e) l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* jiddefinixxi embrijun bħala l-organiżmu uman li jirriżulta mill-fertilizzazzjoni ta' ċellula ta' bajda umana minn ċellula ta' sperma umana, li kapaċi jiżviluppa u jinkludi wkoll kull

[20] Provedimenti oħra relevanti fil-*Kodiċi Ċivili* dwar it-tarbija li għadha fil-ġuf huma l-Artikoli 135, 136(1), 600(1).

ċellula totipotenti mneħħija minn embrijun uman jew prodotta b'xi mod ieħor, li hi meqjusa kapaċi tinqasam u tiżviluppa bħala esseri uman taħt il-kundizzjonijiet xierqa;

f) għalhekk, interpretazzjoni konsistenti tal-espressjoni "persuna" fid-dritt għall-ħajja mogħti mill-Kostituzzjoni għandha tirrifletti d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Liġi Maltija li jagħtu drittijiet ta' proprjetà lit-tarbija li għadha ma twelditx kif ukoll jiżguraw li t-tqala titwassal sal-aħħar b'suċċess, jiġifieri, li l-embrijun ma jiġix abortit;

g) il-Liġi Maltija tipproteġi kemm lill-embrijun u kemm lill-fetu. Fil-fatt, il-*Kodiċi Ċivili* jagħraf speċifikament l-embrijuni u l-feti bħala *persuni* u jikklassifikahom taħt il-kategorija ta' "wild." Imma meta jagħmel dan, il-*Kodiċi Ċivili* f'Artikolu 149[21] japplikalhom bħala prinċipju ta' liġi dak tal-aħjar interessi tat-tarbija li jiġu qabel l-interessi ta' persuni oħra, inklużi tal-ġenituri tagħha;

h) il-każistika tal-ECHR, ovvjament, tieħu in konsiderazzjoni li kull pajjiż hu liberu li jistabbilixxi d-definizzjoni tiegħu ta' ħajja umana u meta din tibda. Fil-każ ta' Malta, embrijun u fetu jgawdu minn drittijiet u l-liġi tipprovdi proċeduri u rimedji biex tħares dawn id-drittijiet, u f'Malta mhumiex biss il-persuni li jitwieldu vijabbli imma wkoll it-trabi li għadhom ma tweldux li għandhom drittijiet protetti mil-liġi ċivili u kriminali.

3.5. Qed tiġi proposta bidla fl-isem tal-liġi preżenti billi, kif qed jingħad, l-isem kif inhu bħalissa ma jagħmilx ġustizzja lis-suġġett ewlieni, i.e. it-trattament tal-fertilità. Madankollu, wieħed irid iżomm f'moħħu li l-isem kif inhu llum jiġbor fil-qosor il-kunċett ta' dinjità umana prevalenti fil-Liġi Maltija (u Ewropea), mhux biss fl-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* imma wkoll fil-*Kodiċi Ċivili* u fil-*Kodiċi Kriminali* fejn l-embrijun hu protett mil-liġi, hu meqjus suġġett tal-liġi u hu mogħti drittijiet mhux biss mat-twelid imma anki mill-mument tat-tnissil 'il quddiem. Għalhekk, l-isem attwali tal-liġi hu fi qbil ma' dawn il-bosta liġijiet fil-ktieb statutorju li jħarsu d-dinjità tal-bniedem. Hu konsistenti wkoll mal-Liġi Maltija li żżomm fl-ogħla post il-benesseri tal-wild, sew jekk twieled u sew jew le (inkluż l-embrijun). Li l-embrijun uman jitqies bħala oġġett u jiġi strumentalizzat mhuwiex fi qbil mal-Liġi Maltija.

---

21 U fi provedimenti oħra bħall-Artikoli 39, 55A(1) proviso (a), 66I(2)(b), 70(3), 77C t-tieni proviso, 92(6), 115(1)(a) u (4)(d), 116(2), 117(1)(a)(vii), 119(4), 120(2), 128(4), 160 u 188C(2).

## 4. Kunsiderazzjonijiet Mediċi

Il-proposta riċenti biex jiġi emendat l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* qiegħdet il-kwistjoni tal-iffriżar tal-embrijuni fuq quddiem tad-diskussjoni pubblika. Bħalissa, il-liġi u l-prattika f'Malta jippermettu l-vitrifikazzjoni tal-bajda tal-mara imma mhux l-iffriżar tal-embrijun. Ir-raġuni primarja għal din id-deċiżjoni kienet imsejsa fuq tħassib validu etiku u amministrattiv, partikularment dwar x'jiġri mbagħad minn embrijuni ffriżati li "mhux mixtieqa." L-adozzjoni tal-alternattiva, i.e. il-vitrifikazzjoni tal-bajda, tevita għalkollox dawn il-problemi etiċi u amministrattivi.

### 4.1. Il-Vitrifikazzjoni tal-Ooċiti

Storikament, it-teknoloġija u l-prattika tal-IVF kienu msejsa fuq l-iffriżar tal-embrijuni. Ċentri tat-teknoloġiji riproduttivi artifiċjali (ART) bnew fama ta' suċċess relattiv mibni fuq din il-metodoloġija u għalhekk ġeneralment mhumiex inklinati li jibdlu t-teknika tal-laboratorju li rnexxielhom jipperfezzjonaw. Sal-lum, l-esperjenza bl-użu tal-vitrifikazzjoni tal-bajda kienet limitata, bi ftit ċentri biss jaqilbu mill-iffriżar tal-embrijun għall-iffriżar tal-bajda. L-iskarsezza ta' evidenza u n-nuqqas ta' aptit li jiġu riċerkati u adottati metodoloġiji ġodda wasslu għal argumenti xejn xjentifiċi li ppruvaw imaqdru l-vitrifikazzjoni tal-bajda.[22] B'mod ġenerali, l-esperjenza tal-krijopreservazzjoni tal-ooċiti normalment kienet ġejja minn sitwazzjonijiet fejn koppji li kienu għaddejjin minn teknika ta' riproduzzjoni artifiċjali imma li ma xtaqux li jkollhom embrijuni ffriżati għal raġunijiet etiċi u/jew reliġjużi, għażlu li jippreservaw ooċiti żejda għal użu f'ċikli sussegwenti; jew minn individwi żgħażagħ b'kankru fl-ovarju li kellhom bajd ippreservat biex hekk jikkonservaw il-fertilità futura.

Għall-bidu, in-nuqqas ta' esperjenza wassal biex ikunu rappurtati rati baxxi ta' suċċess wara l-użu ta' ċikli li fihom l-ooċiti ġew iffriżati u wara maħlula. Madankollu, titjib fir-riċerka xjentifika riċenti wassal għal metodi aħjar tal-ħażna tal-ooċiti u bidla mill-krijopreservazzjoni tradizzjonali għall-vitrifikazzjoni. Dan għamel il-proċess aktar effiċjenti b'mod sinjifikattiv, u rriżulta f'rati ta' tqala b'suċċess li tista' tqabbilhom ma' dawk miksuba mill-iffriżar tal-embrijuni.[23] Ir-riżultati mill-vitrifikazzjoni tal-ooċiti saru promettenti,

22 Ana Cobo u Cesar Diaz, "Clinical Application of Oocyte Vitrification: A Systematic Review and Meta-Analysis of Randomized Controlled Trials," *Fertility and Sterility* 96, no. 12 (2011): 277-285.

23 Seung Wook Hong et al., "Improved Human Oocyte Development after Vitrification. A Comparison of Thawing Methods," *Fertility and Sterility* 72, no. 1 (1999): 142-146.

tant li bosta ċentri qed jiċċaqilqu wkoll mill-iffriżar tal-embrijuni għall-vitrifikazzjoni tal-embrijuni. B'dawn il-proċeduri ġodda ta' vitrifikazzjoni, hemm rati ta' għixien aħjar tal-ooċiti wara li jinħallu.[24] Boldt qal li:

> Biex l-iffiriżar tal-ooċiti jitqies bħala alternattiva għall-iffriżar tal-embrijuni, bejn iż-żewġ metodi jridu jintlaħqu rati ndaqs ta' għixien u ta' tqala. ... Id-data inizjali donnha taqbel favorevolment kemm mad-data tagħna kif ukoll dak nazzjonali dwar il-krijopreservazzjoni tal-embrijuni. Il-programm beda fl-1998 b'rata ta' tqala ta' 33.3% għat-trasferiment tal-embrijun ffriżat (*frozen embryo transfer* jew FET) u b'rata ta' tqala ta' 36.4% għal ooċiti ffriżati. Dan l-istudju wera li l-iffriżar tal-ooċiti jista' jsir fuq bażi ta' rutina u li joffri alternattiva għal koppji li għandhom riservi reliġjużi u etiċi dwar l-iffriżar tal-embrijuni.[25]

Dan ġie ssustanzjat mill-Kulleġġ Amerikan tal-Ostetriċi u Ġinekoloġi (2014) li, fid-dokument tagħhom dwar l-avvanzi kliniċi u xjentifiċi li qed isiru, ikkonkludew li l-krijopreservazzjoni tal-ooċiti maturi huwa metodu disponibbli bħalissa. Għalkemm l-IVF bil-krijopreservazzjoni tal-embrijuni hu metodu stabbilit ta' preservazzjoni tal-fertilità, in-nisa li jixtiequ jikkunsidraw li jiddepożitaw ooċiti maturi f'bank għandhom alternattiva raġonevoli ta' preservazzjoni tal-fertilità.[26]

Konklużjonijiet simili ħareġ bihom Kuwayama li beda jaħdem fuq il-vitrifikazzjoni tal-ooċiti u kien involut fit-twaqqif tal-ewwel bank tal-ooċiti fl-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ġappun fl-2001.[27] Chamayou *et al.* urew li l-vitrifikazzjoni tal-ooċiti ma taffettwax il-kwalità tal-embrijuni wara li jiġu maħlula l-ooċiti, ħaġa li tagħmel dan il-metodu effettiv fil-preservazzjoni tal-fertilità femminili.[28] Al-Azawi *et al.* ikkonkludew li fl-imgħoddi, il-

---

24 S.W. Hong et al., "Improved Human Oocytes Development after Vitrification. A Comparison of Thawing Methods," *Fertility and Sterility* 72 (1999): 142-146; Lilia Kuleshova, "Ten Years of Success in Vitrification of Human Oocytes," *Cryobiology* 59, no. 3 (2009): 374-375; Tae Ki Yoon et al., "Survival Rate of Human Oocytes and Pregnancy Outcome after Vitrification using Slush Nitrogen in Assisted Reproductive Technologies," *Fertility and Sterility* 88, no. 4 (2007): 952-956; M. Solé et al., "How does Vitrification Affect Oocyte Viability in Oocyte Donation Cycles? A Prospective Study to Compare Outcomes Achieved with Fresh Versus Vitrified Sibling Oocytes," *Human Reproduction* 28, no. 8 (2013): 2087-2092.

25 Jeffrey Boldt et al., "Human Oocyte Cryopreservation as an Adjunct to IVF–Embryo Transfer Cycles," *Human Reproduction* 18, no. 6 (2003): 1250-1255.

26 American College of Obstetricians and Gynecologists (Committee on Gynecologic Practice), Opinion 584: *Oocyte Crypopreservation*, January 2014.

27 Masashige Kuwayama et al., "Highly Efficient Vitrification Method for Cryopreservation of Human Oocytes," *Reproductive Biomedicine Online* 11, no. 3 (2005): 300-308.

28 S. Chamayou et al., "Oocyte Vitrification modifies Nucleolar Remodeling and Zygote Kinetics – a Sibling Study," *Journal of Assisted Reproduction and Genetics* 32, no. 4 (2015): 581–586.

krijopreservazzjoni tal-oożiti kisbet riżultati inferjuri meta mqabbla mal-iffriżar tal-embrijuni sempliċiment għax il-metodu mħaddem dak iż-żmien kien jagħti rati baxxi ta' sopravivenza tal-bajda, ta' fertilizzazzjoni u ta' żvilupp.[29] Is-sitwazzjoni issa hi differenti wara l-iżvilupp tal-proċess ta' vitrifikazzjoni li ġie identifikat bħala l-metodu attwali ta' għażla ta' krijopreservazzjoni tal-ooċiti. L-Università tan-Nofsinhar tal-Kalifornja wriet li fil-programm tagħha, l-użu ta' bajd iffriżat ta rata tat-tqala ta' 65%, ċifra ogħla minn dik tal-użu ta' embrijuni friski u d-doppju ta' dik tal-użu ta' embriji ffriżati. Ċentri oħra ewlenin irrappurtaw rati simili ta' tqala.[30]

Is-suċċess ekwivalenti ta' għixien u tqala fiċ-ċikli tal-IVF li jużaw bajd frisk u bajd vitrifikat deher tajjeb ħafna fl-esperjenza lokali, anki jekk din isserraħ fuq għadd ċkejken ta' każijiet. Ir-rati ta' suċċess li ġew irrapurtati jindikaw li r-rati tat-tqala miksuba kienu ta' 27.91% (36/129) tqala/ċiklu mibdi b'bajd frisk, u 30.77% (12/39) tqala/ċiklu mibdi b'bajd vitrifikat. Ir-rata ta' suċċess milħuqa mis-servizz li qed jingħata bħalissa f'Malta, li juża bajd frisk u bajd wara l-vitrifikazzjoni, kif irrappurtat mill-Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni fir-Rapport Annwali tal-2014 jitqabbel b'mod pożittiv ħafna mar-rati ta' suċċess miksuba minn ċentri li jserrħu fuq bajd frisk jew embrijuni krijopreservati.[31]

Iktar minn hekk, dawn ir-rati jitqabblu favorevolment meta wieħed jarahom mar-rati ta' tqala għal kull trasferiment tal-embrijun (Embryo Transfer, jew ET) wara t-teknika tal-IVF fir-Renju Unit u l-Ewropa. Kif jidher fit-Tabella 1, ir-rata ta' tqala meta jintużaw embrijuni ffriżati kienet ta' 30.60% fir-Renju Unit[32] u 23.40% għas-Soċjetà Ewropea għall-Endikronoloġija Riproduttiva Umana (2011).[33] Min-naħa l-oħra, il-programm tal-IVF f'Malta kien superjuri b'rata ta' 30.82% (49/159) ta' tqala/ET mill-użu ta' ooċiti friski u vitrifikati, u l-ebda ffriżar ta' embrijuni.

Waqt li r-rata ta' suċċess għall-ewwel sena sħiħa (2014) fl-istatistika lokali tal-IVF kienet għolja f'termini ta' rati ta' tqala, u tista' titqabbel ma' ċifri barranin, il-*Live Birth Statistics* għall-istess sena għadhom ma ġewx ippubblikati.

---

29 Tahani Al-Azawi *et al.*, "Cryopreservation of Human Oocytes, Zygotes, Embryos and Blastocysts: A Comparison Study between Slow Freezing and Ultra Rapid (Vitrification) Methods," *Middle East Fertility Society Journal* 18, no. 4 (2013): 223–232.

30 University of Southern California Fertility, "Frequently Asked Questions About Egg Freezing," http://uscfertility.org/egg-freezing-faqs/

31 *Paper Laid No: 5364 – Annual Report of the Embryo Protection Authority for 2014*. Dokument imqiegħed fuq il-mejda mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa fis-Seduta Nru 291 (l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2015). http://www.parlament.mt/paperslaiddetails?id=24684&legcat=13; aċċessat fis-6 ta' Ottubru 2015.

32 Human Fertilisation and Embryology Authority (HFEA), *Fertility Treatment in 2013: Trends and Figures, 2013.* http://www.hfea.gov.uk/docs/HFEA_Fertility_Trends_and_Figures_2013.pdf; aċċessat fis-6 ta' Ottubru 2015.

33 European Society for Human Reproductive Endocrinology, Annual Report 2011.

## Tabella 1: Tqala bl-IVF fir-Renju Unit, l-Ewropa u Malta

| Tqala /ET | Tqala/Ċiklu Mibdi | Twelid/Ċiklu Mibdi |
|---|---|---|
| 2013[34]<br>Renju Unit Tqala/ET (Ooċiti friski) 35.50%<br>Renju Unit Tqala/ET (Embrijuni ffriżati) 30.60% | | 25.80% (Ooċiti friski)<br>22% (Embrijuni ffriżati) |
| 2005-7[35]<br>ITALJA Tqala/ET (Embrijuni ffriżati) 16.40%<br>2010 (Porcu)[36]<br>2010 (Rienzi) Tqala/ET (Ooċiti friski)[37] 43.5%<br>Tqala/ET (Ooċiti ffriżati) 38.5%<br>2000-8 Kaali – UNGERIJA[38] | 24.90% Ooċiti friski<br>12.50% Ooċiti ffriżati<br>33.00% Ooċiti friski<br>26.00% Ooċiti ffriżati<br>29.70% Total<br>- | |
| 2013[39]<br>ESHRE Tqala/ET (KOLLHA) 28.40%<br>2011[40]<br>ESHRE Tqala/ET (Ooċiti friski) ICSI 31.60%<br>IVF 33.20%<br>Tqala/ET (Embrijuni ffriżati) 23.40% | -<br>23.00% Total<br>-<br>- | 2006: 25.2% |
| Reġistri Stati Uniti tal-Amerika/UE | 27-29% | |
| 2014[41]<br>MALTA Tqala/ET (Ooċiti friski/iffriżati) 30.82% | 28.82% Total<br>27.91% Friski<br>30.77% Iffriżati | Għadu mhux ippubblikat |

34 Human Fertilisation and Embryology Authority (HFEA), *Fertility Treatment in 2013: Trends and Figures*, 2013. http://www.hfea.gov.uk/docs/HFEA_Fertility_Trends_and_Figures_2013.pdf; aċċessat fis-6 ta' Ottubru 2015.

35 G. Scaravelli et al., "Analysis of Oocyte Cryopreservation in Assisted Reproduction: The Italian National Register Data from 2005 to 2007," *Reproductive BioMedicine Online* 21, no. 4 (2010): 496-500.

36 Ikkwotata minn Matthew Vella, "Freezing the Chances of Success," f'*Malta Today* (20 ta' Awwissu 2012). http://www.maltatoday.com.mt/news/national/20433/freezing-the-chances-of-success; aċċessat fis-6 ta' Ottubru 2015.

37 L. Rienzi et al., "Embryo Development of Fresh 'Versus' Vitrified Metaphase II Oocytes after ICSI: a Prospective Randomized Sibling-Oocyte Study," f'*Human Reproduction* 25 (2010): 66-73.

38 www.ivfpregnancycenter.com; aċċessat fis-6 ta' Ottubru 2015.

39 European Society for Human Reproductive Endocrinology, Annual Report 2013.

40 European Society for Human Reproductive Endocrinology, Annual Report 2011.

41 *Paper Laid No: 5364 – Annual Report of the Embryo Protection Authority for 2014.* Dokument imqiegħed fuq il-mejda mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa fis-Seduta Nru 291 (l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2015). http://www.parlament.mt/paperslaiddetails?id=24684&legcat=13; aċċessat fis-6 ta' Ottubru 2015.

Għalhekk, x'inhu l-"valur miżjud" fl-iffriżar tal-embrijuni, u x'inhu l-prezz (etiku, morali, finanzjarju, psikoloġiku, ta' ħela ta' embrijuni, eċċ) li rridu nħallsu għalih? Malta, b'esperjenza lokali limitata, diġà kisbet riżultati superjuri bil-vitrifikazzjoni tal-ooċiti mingħajr il-ħtieġa li ddur għall-iffriżar tal-embrijuni. L-argument li l-iffriżar tal-embrijuni se jevita l-bżonn li l-omm futura tgħaddi minn stimulazzjoni tal-għenqud tal-bajd (bir-riskji li dan fih) f'ċiklu 'l quddiem, ma jreġix, għax il-vitrifikazzjoni tal-ooċiti wkoll tevita l-istess riskji. Barra minn hekk, il-vitrifikazzjoni tal-ooċiti toffri iżjed vantaġġi meta mqabbla mal-iffriżar tal-embrijuni bħalma hi l-preservazzjoni tal-fertilità f'nisa li qed jirriskjaw li jitilfu l-fertilità minħabba fi trattament onkoloġiku jew mard kroniku u telimina kull tħassib reliġjuż u/jew etiku, legali u morali marbut mal-iffriżar tal-embrijuni.

Huma kemm huma tajbin l-intenzjonijiet ta' dawk li jħaddmu t-teknika tar-riproduzzjoni assistita u dawk li jixtiequ jsiru ġenituri permezz tagħha, l-iffriżar sa jwassal għal embrijuni żejda. F'kuntrast ma' dak li ntqal fil-medja, ftit jew xejn hemm ċans li dawn l-embriji kollha sa jiġu impjantati u mogħtija l-opportunità li jiżviluppaw *in utero*. Dawk meqjusa "żejda" (jew b'xi mod "inferjuri") jibqgħu ma jintgħażlux u, minflok, jew (i) jiġu ttrasferiti lejn programmi ta' negozju tal-embrijuni (bħala parti mill-maternità surrogata), jew (ii) ikunu suġġetti għal ħela/rimi ta' embrijuni, jew (iii) offruti għar-riċerka. L-aħħar żewġ possibbiltajiet aktarx ikunu t-tmiem ta' ħafna minn dawn l-embrijuni u dawn iż-żewġ xenarji t-tnejn iwasslu għall-qerda tal-embrijuni.

Fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku prevalenti u r-riżultati rrappurtati mis-servizz lokali, l-introduzzjoni tal-iffriżar tal-embrijuni fis-servizz Malti mhux biss mhemmx bżonnu, imma l-anqas huwa raġonevoli, u aktarx sa joħloq "orfanatrofji tal-embrijuni."

## 4.2. Djanjosi Ġenetika qabel l-Impjantazzjoni (PGD)

Xi wħud jiġġustifikaw fuq bażi medika l-ittestjar ġenetiku qabel l-impjantazzjoni biex jeskludu l-anewplojde, għax hekk ikunu jevitaw minn qabel l-impjantazzjoni ta' embrijun li m'għandux ċans jgħix u għalhekk ma jkunux qed "jaħlu" tentattiv għat-tqala (bil-konsegwenzi kollha psikosoċjali u mediċi li dan iġib miegħu) "għalxejn." Għalkemm f'din il-lista wieħed jista' b'xi mod jinkludi kundizzjonijiet li allegatament mhumiex vijabbli bħalma hi t-*trisonomy 13* u *18*, tfal b'dawn il-kundizzjonijiet (anki jekk il-minoranza) għexu sat-tfulija matura.

L-ittestjar ta' qabel l-impjantazzjoni sa jiġi limitat biss għall-anewplojde? Wisq probabbli, imbagħad jinkifxu kundizzjonijiet ġenetiċi oħra u, fil-prattika, ħafna mill-embrijuni "anormali/difettużi," jekk mhux kollha, jibqgħu ma jiġux impjantati u eventwalment jintremew. Kważi żgur li l-ebda wieħed minn dawn mhu se jintgħażel minn dawk li jridu jsiru ġenituri, u l-ebda wieħed mhu se jiġi ffriżat mit-timijiet tat-teknika tar-riproduzzjoni assistita għal ċikli fil-futur, sakemm ma jkunx "meħtieġ" għal proġetti ta' riċerka speċifiċi u selettivi. Għalhekk, jekk nippermettu l-ittestjar ġenetiku – imqar jekk limitat – aktarx inkunu noħolqu xenarju fejn hafna mard u kundizzjonijiet jiġu kkonfermati wara l-fertilizzazzjoni u qabel l-impjantazzjoni. Dawn ikunu jinkludu kundizzjonijiet komuni bħad-*Down Syndrome* li jirrizulta għal 1:660 twelid u kważi 5-9 itfal kull sena f'Malta, kif ukoll alterazzjonjiet oħra fil-kromożomi, u mutazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jiġu rilevati u li jintirtu, bħall-fibrożi ċistika, in-newrofibromatożi, il-ganglijosidożi, eċċ.). Trabi bil-ganglijosidożi jitwieldu madwar 1:4,000 twelid f'Malta u ġeneralment imutu wara ftit xhur ħajja (u, għalhekk, jistgħu jitqiesu l-istess bħall-anewplojde).[42] Ħafna oħrajn, b'differenza mill-anewplojde, mhumiex kundizzjonijiet fatali fl-utru u jistgħu jiġu assoċjati biss ma' tnaqqis fl-għomor wara diversi għexieren ta' snin, imma kollha aktarx "jintremew" fi stadju embrijoniku bikri għax kemm it-tim mediku u kemm il-ġenituri involuti ma jkunux iridu jimpjantaw embrijuni "difettużi." Dan jaf jagħmel sens ekonomikament għax b'hekk jonqos il-piż fuq is-sistema tas-saħħa nazzjonali, imma dan ifisser ewġenika selettiva u jinvolvi l-qerda volontarja u deliberata ta' embrijun uman innoċenti.

L-istess proċess jiftaħ ukoll il-possibbiltà bil-maqlub, fejn il-ġenituri intenzjonalment jagħżlu li jimpjantaw embrijuni li jġorru l-istess diżabbiltà tagħhom (ngħidu aħna, nuqqas ta' smigħ fil-familja), u joħolqu wlied b'riskju sinjifikattiv ikbar ta' tbatija u taħbit matul ħajjithom. Dan hu ekwivalenti għall-ħolqien intenzjonat ta' diżabbiltà min-naħa tal-ġenituri u l-parteċipanti, u wieħed jista' jgħid li hu pervers u diffiċli tiġġustifikah.

L-ittestjar ġenetiku qabel l-impjantazzjoni mhux probabbli li jiġi limitat għal kundizzjonijiet fatali bħall-anewplojde biss. Tabilħaqq, aktarx sa jiskopri bosta kundizzjonijiet oħra marbuta ma' varjetà ta' diżabbiltajiet u jwassal għar-rifjut u l-ħela ta' embrijuni.

42 H.M. Lenicker et al., "Infantile Generalised GM1 Gangliosidosis: High Incidence in the Maltese Islands," f'*Journal of Inherited Metabolic Disease* 20 (1997): 723-724.

## 4.3. Ir-Rata ta' Trabi *Take-Home*

Iċ-ċifri bikrija ppubblikati mill-prattika tal-ART/IVF f'Malta fejn qed jintużaw ooċiti sew friski u sew iffriżati juru li r-rati ta' tnissil huma komparabbli ma' dawk irrappurtati minn ċentri magħrufa barra minn xtutna li jużaw ooċiti friski jew embrijuni ffriżati. Sal-lum, id-data lokali tissuġġerixxi rati ta' tnissil komparabbli bejn tentattivi ta' fertilizzazzjoni li jużaw ooċiti friski u dawk iffriżati (għalkemm id-data disponibbli hi msejsa fuq numri żgħar ħafna fuq medda qasira ta' żmien fejn, wieħed jista' jargumenta li s-servizz għad irid itemm il-kurva ta' tagħlim tal-bidu (*initial learning curve*). Sfortunatament, kif jiġri fit-tnissil naturali, jintuża liema metodu jintuża, dan iġib miegħu telfa kbira. Normalment hu rrappurtat li wara t-tnissil naturali, ir-rata ġenerali ta' kemm jintilfu embrijuni hi ta' 30 - 50%, waqt li r-rata ta' korriment f'nisa li jafu li huma tqal hi ta' madwar 10 - 20%.

L-ewwel figuri li għandna mis-servizz lokali jidhru li jixbhu lit-telf wara tnissil naturali. L-introduzzjoni ta' embrijuni ffriżati flok ooċiti ffriżati mhux mistennija li ttejjeb ir-rati ta' retenzjoni ta' tqala iktar milli hu rrappurtat fix-xenarju naturali ta' koppji li assolutament ma kellhom l-ebda problema li jnisslu. Tabilħaqq, ir-rata ta' tqala mistennija tkun inqas mir-rata naturali għall-forom kollha ta' IVF, partikularment għax il-popolazzjoni lokali li qed tgħaddi minn IVF/ET hi subpopolazzjoni f'riskju għoli fejn tidħol ir-riproduzzjoni u komunement tinkludi koppji/nisa iktar imdaħħla fiż-żmien – fatturi li fin-natura huma magħrufa li huma assoċjati ma' rata ta' korriment għolja.

Il-liġi li bħalissa qed tirregola l-prokreazzjoni medikament assistita ma tistipulax f'liema jum l-embrijuni umani għandhom jiġu ttrasferiti wara l-fertilizzazzjoni. Il-prattika lokali tal-IVF imħaddma sa issa hi li l-embrijuni umani jiġu ttrasferiti tlitt ijiem wara l-fertilizzazzjoni. Il-leġislazzjoni attwali tippermetti l-fertilizzazzjoni ta' żewġ ooċiti biss, waqt li l-fertilizzazzjoni ta' tliet ooċiti hi permessa biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Biex jgħolli r-rata ta' suċċess tal-prattika tal-IVF, il-Gvern qed jippjana li jemenda l-liġi ta' issa biex jippermetti l-fertilizzazzjoni sa ħames embrijuni umani. Biex jiżgura li tal-inqas żewġ embrijuni umani jikbru sal-istadju ta' blastoċista, hu ppjanat li l-embrijuni jitħallew jikbru għal ħamest ijiem minflok għal tlitt ijiem wara l-fertilizzazzjoni, filwaqt li jassumi li l-"embrijuni tal-aħjar kwalità" biss jaslu sal-istadju ta' blastoċista. Fil-verità, it-trasferimenti ta' embrijuni ta' tlitt ijiem u it-trasferimenti ta' embrijuni ta' ħamest ijiem (blastoċisti) għandhom differenzi żgħar bejniethom fir-rata tat-tqala ta' 35 kontra 39%, rispettivament.

Madankollu, anki bil-proċess ta' attrizzjoni naturali, il-fertilizzazzjoni ta' ħames bajdiet u l-impjantazzjoni wara ta' żewġ embrijuni li morfoloġikament ikunu l-"aqwa/tal-ogħla livell," se jwasslu għal riskju serju ta' embrijuni umani żejda li mbagħad jiġu ffriżati. Ladarba maħlula, madwar 10% tal-embrijuni ffriżati ma jgħixux. X'se jiġri minn dawk l-embrijuni li qabel kienu diġa meqjusa "inferjuri" li jibqgħu ħajjin wara li jinħallu? Diffiċli ħafna li l-liġi tista' tiżgura li jiġu mpjantati (bilfors?) fl-omm bijoloġika tagħhom, irrespettivament jekk wieħed mill-ġenituri jew it-tnejn jaqblu jew ma jaqblux bejniethom. Ħafna minn dawn l-embriji "orfni" jew imwarrba se jiġu sempliċiment mormija, iffriżati għal żmien indefinit sakemm imutu b'"attrizzjoni naturali," jew jiġu offruti lil terzi persuni permezz ta' skemi ta' adozzjoni tal-embrijuni, bi ħlas jew mingħajru. L-għażliet kollha msemmija jikkompromettu serjament id-dinjità u l-integrità tal-embrijun uman. Wieħed irid iżomm f'moħħu li s-"suċċess" fil-kisba tat-tqala jagħmel sens umanament meta jitkejjel minn sett ta' kriterji etiċi li jmorru lil hemm mis-suċċess jew il-falliment fil-kisba ta' dak li wieħed jixtieq.

### 4.4. Riskji għas-Saħħa marbuta mad-Donazzjoni tal-Gameti

Dwar ir-riskji mediċi ta' ooċiti u speċjalment ta' sperma li jingħataw b'donazzjoni, id-donazzjoni anonima tista' twassal għal għadd ta' problemi serji. L-użu mtenni tal-isperma mill-istess donatur hu riskjuż jekk it-tfal bijoloġiċi tal-istess raġel jiltaqgħu u jipprokreaw (possibbiltà f'pajjiż żgħir bħal Malta), b'riżultati ġenetiċi gravi.

Viżta normali għand it-tabib ma tasalx biex tidentifika l-kundizzjonijiet ereditarji riċessivi komuni kollha. Fi ftit każi biss se jkun hemm storja fil-familja ta' ċerti kundizzjonijiet. Dan hu l-każ ta' bosta kundizzjonijiet, fosthom il-kundizzjonijiet tal-ħżin ta' lipidi, glikoġen u oħrajn, il-fibrożi ċistika, u kundizzjonijiet fl-għadam u d-demm (talassemija, eċċ.). Barra minn hekk, il-profil tal-mard ivarja minn popolazzjoni għall-oħra, u hekk tiżdid il-possibbiltà li jidħlu kundizzjonijiet ġenetiċi ġodda.

## 5. Materji ta' Tħassib

Jekk il-għan tal-liġi attwali dwar il-prokreazzjoni assistita jgħaddi mill-protezzjoni tad-drittijiet u d-dinjità tal-embrijun uman għat-twessih tal-għażliet bla qies fit-trattament tal-fertilità, jinqalgħu ħafna preokkupazzjonijiet serji. Aktarx li tidħol bidla radikali fil-karattru tas-soċjetà Maltija b'implikazzjonijiet fit-tul fuq il-ġid tat-

tfal, il-paternità u l-maternità u l-ħajja tal-familja fis-soċjetà, aspetti li ftit jew xejn kienu suġġett ta' dibattitu.

## 5.1. L-Embrijun Uman bħala Prodott Kummerċjali

L-iffriżar tal-embrijuni umani, id-donazzjoni ta' gameti, il-maternità surrogata u l-għażla tal-embrijuni umani jippromovu kultura ta' manipulazzjoni li tirriduċi t-tarbija li għad titwieled għal sempliċi oġġett mixtieq jew anki massa ta' ċelluli li qegħdin hemm biex jintużaw, jiġu magħżula u jiġu mormija. It-tarbija għandha d-dritt li *titnissel* mill-ġenituri tagħha, li *tinġarr* fil-ġuf ta' ommha, kif ukoll li *titrabba* minn koppja miżżewġa jew f'relazzjoni stabbli. Huwa permezz ta' relazzjoni żgura u rikonoxxuta tal-ġenituri tagħha li tarbija tista' tiskopri l-identità tagħha u tilħaq l-iżvilupp uman proprju tagħha. Ir-rabta qawwija ħafna li tinħoloq bejn l-omm u t-tarbija matul it-tqala u t-twelid tista' ssir esperjenza trawmatika għat-tnejn li huma meta din ir-rabta tinħall.

## 5.2. Il-Bidliet fil-Mudelli ta' Fertilità u tat-Twelid tat-Tfal

Ir-rati ta' twelid f'Malta niżlu matul is-snin, bħal dawk tal-bqija tal-Ewropa. Fl-1990, ir-rata tat-twelid f'Malta (twelid ta' tarbija ħajja għal kull mara tul ħajjitha) kienet ta' 2.04; sal-2013, kienet niżlet għal 1.38[43] – taħt il-medja ta' 1.48 fit-tmienja u għoxrin pajjiż tal-UE u ogħla biss minn dawk tal-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Polonja, il-Portugall u l-Islovakkja. Dan hu bil-wisq taħt "ir-rata ta' sostituzzjoni" tradizzjonali ta' 2.1, meqjusa neċessarja biex iżżomm kostanti d-daqs tal-popolazzjoni (mingħajr ma nqisu l-effetti tal-migrazzjoni). L-età medja tan-nisa meta jildu għoliet, u issa qiegħda 30 sena, qrib il-medja ta' 30.3 fit-tmienja u għoxrin pajjiż tal-UE.[44] Filwaqt li ma nafu bl-ebda studju li fela bir-reqqa l-kawżi tal-waqgħa fir-rata tat-twelid f'Malta, hemm diversi ipoteżijiet dwar ir-raġunijiet għal din it-tnaqqis madwar l-Ewropa. Dawn jinkludu żminijiet itwal ta' edukazzjoni (li jirriżultaw f'nisa jildu iktar tard f'ħajjithom); iż-żwieġ f'età ikbar; aspettattivi materjali li qed jinbidlu u l-perċezzjoni tal-prezz materjali u emozzjonali biex jiġu provduti l-ħtiġijiet edukattivi u soċjali tal-ulied kif mifhuma kulturalment illum; id-diffikultà fil-bilanċ bejn xogħol u ħajja tal-familja u l-istress fiżiku u emozzjonali li dan

---

43 Eurostat, "Fertility Statistics," (2015), http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Fertility_statistics; aċċessat fit-30 ta' Settembru 2015.

44 Eurostat, "Mean Age of Women at Childbirth" (2015), http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&pcode=tps00017&plugin=1; aċċessat fit-30 ta' Settembru 2015.

iwassal għalih. Huwa ta' spiss issuġġerit li politika tajba ta' xogħol u familja – li tagħmel dan il-bilanċ possibbli – wasslet għal rati ogħla ta' twelid.[45]

Imma forsi hemm bżonn ukoll li nagħmlu iktar riċerka lokali fuq il-kawżi tal-infertilità u li ninvestu iżjed fondi fl-edukazzjoni u fil-prevenzjoni tal-infertilità. Iktar minn hekk, hemm bżonn li għażliet oħra, bħall-adozzjoni u l-*fostering*, jiġu ffaċilitati akatar u jsiru iżjed aċċessibbli faċilment. Fuq kollox, għandu jingħata sapport uman u pastorali lil dawk il-persuni li għal xi raġuni jew oħra ma jistax ikollhom tfal tagħhom. Dawn il-persuni għandhom isibu l-inkuraġġiment u l-għajnuna sħiħa tas-soċjetà kollha, li tgħinhom jikkunsidraw l-adozzjoni u forom oħra ta' twarrid uman.

## 5.3. Li jkollok Tifel ikun xi jkun il-Prezz

It-teknoloġiji riproduttivi tal-lum joffru bosta possibbiltajiet kemm lill-koppji eterosesswali li ma jistgħux jipprokreaw b'mod naturali u kemm lil koppji tal-istess sess li jixtiequ jkollhom it-tfal permezz tad-donazzjoni tal-gameti jew il-maternità surrogata. Imma għandna nistaqsu: jeżisti d-dritt li jkollok l-ulied ikun xi jkun il-prezz? It-tħassib ewlieni hu li din il-mistoqsija spiss hi mwieġba skont dak li l-individwu *jixtieq*. Tabilħaqq, ftit hemm aspirazzjonijiet tal-bniedem aktar b'saħħithom minn dik li wieħed iħobb u jieħu ħsieb lill-wild tiegħu stess, u għalhekk l-uġigħ ta' min ma jistax iwettaq din ix-xewqa profonda jista' jifni bil-kbir lill-koppji. Imma l-prinċipju prevalenti għandu jkun dak tal-*aħjar interess tat-tfal*. Il-prokreazzjoni tal-ulied, anki jekk iffaċilitata permezz tat-teknoloġija li dejjem miexja 'l quddiem, xorta għandha tkun imsejsa fuq id-drittijiet u l-interessi tat-tfal. Il-bżonnijiet u x-xewqat ta' terzi persuni, huma kemm huma ġenwini, ma jistgħux jitqiesu fuq l-isess livell ta' dawk tat-tarbija.

## 5.4. Il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ġisem tal-Mara

Il-mentalità li hemm wara mara li ġġorr f'ġufha l-wild bijoloġiku ta' xi ħadd ieħor ibaxxi lill-mara, għax sew jekk tagħżel hi minn jeddha li ġġorr tarbija ta' xi ħadd ieħor u sew jekk le, qegħda issir oġġett u tiġi ridotta għal inkubatur. Il-maternità surrogata, li hi għamla oħra ta' kommodifikazzjoni tal-ġisem tal-mara, tinvolvi l-frammentazzjoni u t-trivjalizzazzjoni ta' ġenitur. Mara tagħżel

45 A. Rovny, "Welfare State Policy Determinants of Fertility Level: A Comparative Analysis," *Journal of European Social Policy* 21, no. 4 (2011): 335-347.

minn jeddha li ġġorr f'ġufha tarbija mingħajr l-ebda ħsieb li timpenja ruħha fit-trobbija tat-tarbija li qed iġġorr. Il-maternità ma għandhiex tinqasam f'maternità ġenetika, ġestazzjonali, u soċjali. Għal din ir-raġuni l-maternità surrogata jew "il-kiri tal-ġuf" m'għandhomx jiġu approvati soċjalment. Din il-prattika tisfrutta kemm lill-mara u kemm lit-tarbija, u tagħmel ħsara lill-mod kif it-tnissil u t-tqala fil-ġuf huma meqjusa mis-soċjetà b'mod ġenerali. Barra minn hekk, din il-prattika hi mizgħuda b'kumplessità legali, soċjali, emozzjonali u psikoloġika.

# 6. Aspetti Etiċi

## 6.1. Il-Protezzjoni tal-Iżjed Vulnerabbli

Marka ċerta ta' soċjetà ċivilizzata hija t-tħassib tagħha għall-membri l-iktar dgħajfa tagħha. Wieħed mill-għanijiet tal-liġi hu li tipproteġi l-innoċenti minn ħsara inġusta. Kull liġi li ma tipproteġix lill-innoċenti tkun qed tfalli fl-għan ewlieni tagħha. Il-liġi Maltija li llum tirregola l-prokreazzjoni assistita hi msejħa l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* preċiżament għax tiżgura s-sigurtà u l-protezzjoni sħiħa lill-embrijun vulnerabbli uman. Il-fażi embrijonika hi l-aktar stadju bikri tal-ħajja umana; għalhekk l-embrijun uman għandu d-drittijiet tiegħu u l-interessi tiegħu għandhom jiġu mħarrsa. Minħabba li huwa vulnerabbli, dipendenti u ma jidhirx, l-embrijun uman jinsab partikularment f'riskju. Għal din ir-raġuni jeħtieġ il-protezzjoni sħiħa tal-liġi. Id-drittijiet tat-tfal għall-protezzjoni minn kull ħsara fiżika u soċjali – qabel u wara t-twelid[46] – għandhom jingħataw l-akbar attenzjoni etika.

## 6.2. L-Istatus Morali tal-Embriju Uman

Hemm qbil ġenerali fost l-embrijoloġisti umani li esseri uman jibda mal-fertilizzazzjoni. Evidenza riċenti kkonfermat l-organizzazzjoni dinamika tal-embrijun bikri, l-attivazzjoni mgħaġġla tal-informazzjoni ġenetika mill-ġenituri, u l-fatt li l-"polarità" diġà hi preżenti fl-iktar stadji bikrija tal-eżistenza tal-embrijun. Jekk l-embrijun uman hu l-istess individwu bħalma hu l-esseri uman aktar anzjan, dan għandu implikazzjonijiet morali immedjati. Ma jeżistix "uman sottouman": organiżmu/esseri uman bi status morali inqas minn ta' bniedem. L-istatus uman mhux xi ħaġa li wieħed "jigwadanja" meta jilħaq xi

[46] Ġnus Magħquda, *Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tat-Tfal* (1989), Preambolu.

livell arbitrarju ta' ħila funzjonali. Jekk il-fertilizzazzjoni, fil-każ normali, hi l-oriġni ta' individwu uman ġdid – ħajja distinta minn dik tal-ġenituri – dak l-individwu għandu drittijiet u interessi sa mill-fertilizzazzjoni li jolqtu l-benesseri tiegħu jew tagħha. L-embrijuni umani għandhom drittijiet u interessi li huma stess mhumiex konxji tagħhom, l-istess kif għandhom it-trabi li għadhom kemm twieldu. Dawn id-drittijiet u l-interessi m'għandhomx jiġu subordinati għalkollox għall-interessi, jew l-interessi ipperċepiti, jew xewqat tal-bnedmin adulti.

L-embrijun uman jistħoqqlu, sa mill-bidu, ir-rispett li jixraqlu bniedem. Id-dinjità tal-bniedem individwali, li r-raġuni nfisha titlobha, tistagħna u tissaħħaħ iktar fid-dawl tal-fidi: għalhekk, m'hemm l-ebda kontradizzjoni bejn l-affirmazzjoni tad-dinjità tal-embrijun uman u l-affirmazzjoni tal-qdusija tiegħu. Id-dritt għall-ħajja u għall-integrità fiżika ta' kull bniedem mit-tnissil sal-mewt naturali għandu jiġi mħares. Għalhekk, fit-trattament tal-infertilità, ir-rimi jew qerda volontarja u delibarata tal-embrijun uman, l-iffriżar ta' embrijuni żejda, l-użu tagħhom għal riċerka xjentifika bażika, u l-espożizzjoni tagħhom għal riskju serju ta' mewt jew ħsara fiżika huma etikament inaċċettabbli, għax l-embrijuni umani huma iżjed minn sempliċi "materjal bijoloġiku." Il-krijopreservazzjoni tal-embrijuni umani tesponihom għar-riskju serju ta' mewt jew ħsara fiżika, għax persentaġġ għoli minnhom ma jibqgħux ħajjin wara l-proċess li fih jiġu ffriżati u maħlula; iċċaħħadhom tal-inqas temporanjament milli jintlaqgħu u jinġarru f'ġuf ta' omm; tqegħidhom f'sitwazzjoni li fiha huma suxxettibbli għal offiżi u manipulazzjoni ikbar.

## 6.3. Id-Donazzjoni ta' Gameti

It-teknoloġiji riproduttivi assistiti jista' jeħtieġu l-użu ta' sperma jew bajd minn terzi persuni. Dawn mhumiex mistennija jilagħbu ebda rwol fit-trobbija tal-ulied. Id-donazzjoni ta' gameti ma tistax sempliċement titqies bħala att ta' ġenerożità ta' donazzjoni ta' sperma jew bajda lil xi ħadd biex jista' jkollu t-tfal. Tinvolvi skambju kumpless ta' drittijiet u obbligi. Id-donazzjoni ta' gameti, sew jekk mibjugħa u sew jekk mogħtija bħala "rigal," timplika t-trasferiment tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri lil individwi oħra. Hu ħażin li toħloq tarbija u teskludi sa mill-bidu nett li terfa' r-responsabbiltajiet u li żżomm relazzjoni magħha.

L-argument tad-donazzjoni tal-isperma jew tal-bajda m'għandniex nissottovalutawh, għax din il-kwistjoni tħalli effett kruċjali fuq il-ħajja tal-wild u l-iżvilupp tal-identità tiegħu. It-tifel jew tifla jkollu jissielet b'mod indefinit ma'

identità konfuża dwar min huma l-ġenituri tiegħu. Id-dritt tat-tfal li jiffurmaw stampa sħiħa tal-identità tagħhom, inkluż tal-wirt ġenetiku tagħhom, hu rikonoxxut dejjem iżjed bħala importanti għall-benesseri fiżiku u psikoloġiku tagħhom. L-Artikolu 7 tal-*Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal* tal-Ġnus Magħquda (1989) jiddikjara li "sakemm jista' jkun, [it-tfal għandhom] id-dritt li jkunu jafu lill-ġenituri tagħhom u li jitrabbew minnhom."

Barra minn hekk, id-donazzjoni ta' sperma jew bajda tista' toħloq kunflitt fir-relazzjoni bejn il-koppja għax parti minnhom biss hi l-ġenitur ġenetiku tat-tarbija, waqt li l-oħra mhix. Min ma jkunx ta l-materjal ġenetiku lill-wild jista' eventwalment iħossu "imwarrab", u jistgħu jinqalgħu problemi dwar l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet – u l-impenn – lejn it-tarbija. Kunflitt bħal dan ma nsibuhx fl-adozzjoni, għax iż-żewġ ġenituri għandhom relazzjoni simetrika mal-wild adottat. Ir-relazzjoni asimetrika tal-koppja mat-tarbija fil-każ ta' donazzjoni ta' gameti tista' tkun l-għajn ta' kunflitt u konfużjoni.

Id-donazzjoni ta' sperma jew bajda mhix bħal min jagħti kilwa, għax l-isperma u l-bajd fihom it-tagħrif uniku u l-potenzjal ġenerattiv li jintiret li hu bażiku għall-identità ta' dak li jkun u l-identità tat-tarbija futura. Hu etikament inaċċettabbli, anki meta ma jkun hemm l-ebda skambju ta' flus jew meta d-donaturi jqisu s-sehem volontarju tagħhom bħala att ta' altruwiżmu ma' qarib jew ħabib tal-qalb. Fil-fatt, hu ċar li dan l-altruwiżmu qed jiġi orjentat lejn is-sodisfazzjon tax-xewqa ta' adult li jkollu tarbija, minflok lejn il-ħarsien tal-interessi tat-tarbija li għad titwieled. Il-bejgħ jew għoti ta' sperma jew bajda jmur kontra n-norma etika bażika, jiġifieri, dik li wieħed jassumi responsabbiltà personali għall-għemil tiegħu. Wieħed ma jistax jinvolvi ruħu b'mod daqshekk vitali u dirett fil-prokreazzjoni ta' tarbija u mbagħad jerġa' lura mir-responsabbiltajiet li wieħed ikun ġarrab fil-konfront tat-tarbija li titwieled.

Iktar minn hekk, id-donazzjoni ta' gameti ma tistax tiġi ġġustifikata bħala nofs adozzjoni. L-adozzjoni normalment hi soluzzjoni *post facto* għall-problema ta' tifel jew tifla li l-ġenituri tiegħu ma jistgħux jew ma jridux jieħdu ħsiebu.

## 6.4. Il-Benesseri tat-Tarbija li ħa Titwieled

Il-prattika ta' tnissil uman medikament assistit tmiss id-drittijiet tat-tfal, u għalhekk, il-liġi f'dan il-qasam għandha tkun partikularment soda. Hu essenzjali li nipproteġu lit-tfal milli jiġu ttrattati bħala "għażla tal-konsumatur"

f'idejn l-adulti, minflok esseri umani li għandhom jiġu milqugħa bla ebda kundizzjoni.

It-tfal għandhom interess li jitrabbew f'ambjent ta' familja stabli u li jitrabbew mill-ġenituri ġenetiċi tagħhom stess. Ovvjament, hemm ħafna tfal li minħabba fiċ-ċirkustanzi tal-familja tagħhom ma jafux lil missierhom jew lil ommhom, u li xorta jista' jkollhom trobbija relattivament tajba. Imma l-fatt jibqa' li hu bżonn uman profond li jkollok omm u missier.

## 6.5. Ix-Xewqa għal Tarbija "Perfetta"

Meta embrijun uman jiġi maħluq *in vitro*, kemm il-ġenituri tiegħu u kemm l-esperti mediċi aktarx jaħsbu li, ladarba jkunu investew tant fil-proċess – emozzjonalment, finanzjarjament u f'termini ta' kompetenza teknika – issa għandhom "dmir" jiżguraw li l-"prodott" finali jissodisfa x-xewqat ta' kulħadd billi jassoġġettaw l-embrijun uman għal kontroll ta' kwalità. Ir-raġunar wara d-djanjosi ġenetika qabel l-impjantazzjoni (PGD) jirrifletti din il-mentalità teknika u konsumerista li, waqt li tfittex l-aħjar riżultat għal dawk kollha konċernati, madankollu tittrasforma l-embrijun uman fi prodott kummerċjali li jista' jiġi mmanipulat biex wieħed jikseb "ideal" predeterminat. Dawn id-dettalji speċifiċi jistgħu jinkludu l-kunċett ta' tarbija "perfetta" – tarbija li hi magħżula għall-impjantazzjoni skont preferenzi speċifiċi.

Wara d-djanjosi ta' qabel l-impjantazzjoni jkun hemm minnufih l-eliminazzjoni ta' embrijun ssuspettat li għandu difetti ġenetiċi jew fil-kromożoni jew li għandu kwalitajiet oħra li mhumiex mixtieqa. Qed jiżdiedu l-każijiet fejn koppji li m'għandhom l-ebda problemi ta' fertilità qed jużaw mezzi artifiċjali tal-prokreazzjoni biex jagħmlu selezzjoni ġenetika ta' wliedhom. It-tfal għandhom id-dritt li jiġu milqugħa bla ebda kundizzjoni sa mill-bidu ta' ħajjithom. Id-dinjità umana tappartjeni bl-istess mod għal kull bniedem individwali, irrispettivament mix-xewqa tal-ġenituri tiegħu, mill-kwalità tal-ħajja u mil-livell tal-iżvilupp fiżiku jew mentali. Kull rimi jew qerda volontarja tal-embrijuni umani minħabba f'diżabbiltà jew karatteristiċi mhux mixtieqa hi etikament inaċċettabbli. Is-soċjetà għandha d-dmir morali li tipproteġi u tħares l-embrijun uman vulnerabbli minn kull xorta ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

### 6.6. Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà

Il-valur u d-dinjità tal-persuna umani ma jiġux mill-karatteristiċi fiżiċi jew il-ħiliet intellettwali tagħhom. Madankollu, fejn id-djanjosi ġenetika ta' qabel l-impjantazzjoni tidentifika embrijuni umani b'xi għamla ta' diżabbiltà, jew appuntu xi karatteristika mhix mixtieqa, dan aktarx sa jwassal għal dilemma ta' agunija għall-ġenituri futuri li bla dubju jeħtieġu sapport morali u emozzjonali professjonali f'dan iż-żmien.

Tħassib kbir għal ħafna persuni b'diżabbiltà hu l-potenzjal, li fil-fatt ġie mħaddem f'xi pajjiżi, li jinkuraġġixxi persuni li m'għandhomx diżabbiltà biex jużaw l-IVF biex "jeliminaw" id-diżabbiltà. Waqt li issa hu possibbli li ssir dijanjosi ta' kundizzjonijiet ta' diżabbiltà qabel it-twelid, hu diffiċli ħafna li wieħed ibassar ir-riżultati tal-kwalità tal-ħajja tal-individwu kkonċernat. Ħafna kundizzjonijiet li, fl-imgħoddi, kienu jitqiesu diżastrużi kemm għall-individwu u kemm għall-famlija, li għalihom ma kienx hemm rimedji u ma kien jeżisti l-ebda servizz ta' sapport, m'għadhomx kawża ta' disperazzjoni. Mhux kull kundizzjoni tista' titqies bħala tbatija, jiġifieri, ta' wġigħ fiżiku u/jew psikoloġiku kroniku li wieħed ma jkunx jista' jissaporti. Tabilħaqq, ħafna nies b'ċerti kundizzjonijiet iqisu ruħhom "differenti," mhux "diżabbli," u jgħixu ħajja produttiva u sodisfaċenti.

## 7. Riflessjonijiet Konklużivi

Fid-dawl tal-argumenti żviluppati f'dan id-dokument ta' pożizzjoni, nikkonkludu li:

7.1. L-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrjuni* għandu jinżamm kif inhu għax jipproteġi d-dinjità u l-integrità tal-embrijun uman u l-interessi leġittimi tat-tarbija li għad titwieled, waqt li jżomm standards xierqa ta' etika fit-trattament tal-fertilità. Il-vot unanimu favur il-leġislazzjoni attwali jirrifletti kunsens li wieħed għandu jerġa' jafferma flok ikisser, speċjalment fil-każ ta' valur li hawn Malta hu miżmum daqshekk fuq wiċċ l-idejn.

7.2. Id-data xjentifika prevalenti u r-riżultati miksuba lokalment fit-trattament tal-IVF fil-fatt juru li l-introduzzjoni tal-iffriżar tal-embrijuni f'rabta mal-proċeduri tal-IVF f'Malta la hemm bżonnha u lanqas tagħmel sens, u aktarx ħa toħloq "orfanatrofji tal-embrijuni", u mhix sa ttejjeb ir-rati ta' suċċess, għal kuntrarju ta' dak li qed jingħad. Min-naħa l-oħra, sa tintroduċi bosta dilemmi mil-lenti etika, morali, psikoloġika, u ta' ħela tal-embrijuni.

7.3. M'hemm l-ebda evidenza li l-leġislazzjoni tal-UE u d-deċiżjonijiet tal-ECHR qed jitolbu xi bidla fl-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni*.

7.4. L-ittestjar ġenetiku ta' qabel l-impjantazzjoni diffiċli biex ikun ristrett għal kundizzjonijiet fatali (mhux vijabbli). Tabilħaqq, iktar hemm probabbiltà li jitwessa' biex ikopri kundizzjonijiet oħra. Dan sa jwassal għas-selezzjoni, twarrib u ħela ta' embrijuni.

7.5. L-involviment ta' terzi persuni jikkumplika l-proċess, joħloq dilemmi dwar min huma l-ġenituri u jqanqal kwistjonijiet etiċi, legali u psiko-soċjali serji.

## 8. Rakkomandazzjonijiet

8.1. Il-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti għandu jwettaq eżerċizzju ta' konsultazzjoni – kif għamel meta kien qed jiġi diskuss l-*Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni* – biex kull emenda proposta għal-liġi attwali tiġi studjata fil-fond u t-tħassib kollu espress riċentement fil-medja lokali kontra l-proposti tal-Gvern għal bidla jingħata l-piż u l-kunsiderazzjoni li jixirqulu.

8.2. Hemm bżonn ta' aktar riċerka fuq il-kawżi tal-infertilità, u aktar investiment dirett lejn il-prevenzjoni tal-isterilità għandu jkun inkuraġġit.

8.3. Għandu jkun hemm leġislazzjoni apposta li tinkuraġġixxi, tippromovi u tiffaċilita l-adozzjoni u l-*fostering*, biex it-tfal li m'għandhomx ġenituri jista' jkollhom dar li tikkontribwixxi għall-iżvilupp uman tagħhom.

8.4. Għandhom jingħataw iktar piż il-prinċipji minquxa f'liġijiet oħra f'Malta li jiggarantixxu d-drittijiet lill-embrijun, li jqisu l-aħjar interess tal-embrijun bħala tal-akbar importanza, u li jibbilanċjaw il-miżien favur id-dinjità umana iktar milli favur l-oġġettifkazzjoni u l-kommodifikazzjoni tat-tfal.

8.5. Għandu jiġi offrut sapport uman u pastorali lil dawk il-persuni li għal xi raġuni jew oħra ma jistax ikollhom ulied minn tagħhom. Dawn il-persuni jixirqilhom li jsibu l-inkuraġġiment u l-għajnuna sħiħa tas-soċjetà kollha, biex tgħinhom jikkunsidraw l-adozzjoni u forom oħra ta' sodisfazzjon umana.

8.6. Għandu jinżamm reġistru nazzjonali taċ-ċikli kollha tal-IVF (pubbliċi u privati), u r-riżultati tiegħu jiġu diskussi fil-miftuħ u maqsuma mat-tobba u l-embrijoloġisti involuti, biex hekk ikun hemm superviżjoni u titjib fil-prattika mħaddma.

Rev. Professur Emmanuel Agius (*Chairperson*)

Professur Kevin Aquilina

Ms Grace Attard

Professur Simon Attard Montalto

Imħallef Giovanni Bonello

Mr George G. Buttigieg

Ms Astrid Camilleri

Mr Joe Camilleri

Dr Nadia Delicata

Rev. Professur George Grima

Mr Raymond Galea

Rev. Professur Paul Galea

Mr John Mamo

Rev. Dr Paul Pace

Ms Joseanne Peregin

Dr Clarissa Sammut Scerri

Mr Albert Paul Scerri

Professur Charles Savona-Ventura

Dr Pierre Schembri Wismayer

Dr Sue Vella

Dr Anna Vella

Rev. Dr Ray Zammit